# dawl Franġiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

MARZU 2011 – II-31 SENA – GĦADD 308 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373



















3 **M'hemm żmien x'jinħela**
Editorjal

4 **Bibbja**
minn Patri Donat Spiteri OFMCap

6 **Poeżija**
minn Domenic Xuereb

7 **Pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa (I)**
minn Philip E. Said

10 **Fr Raymond Bonnici OFMcap - 25 Sena Presbiteru**

14 **Storja tal-Kapuċċini - Mons. Isqof Fra Antonio Maria Buhagiar OFMcap**
minn Winston L. Zammit B.A.(Hons) P.G.E.C., M.A.

15 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

16 **Rumanz - Fjuri li ma jinxfux (3)**
minn Oliver Friggieri

18 **Franġiskanismu**
minn Patri Ivan Scicluna OFMCap

20 **L-Effetti tat-televixin fuq is-saħħa ta' wliedna - mplikazzjonijiet u rikommandazzjonijiet (2)**
minn Dr Chris Sciberras
M.D., M.R.C.P.C.H (UK), M.Sc. Comm.Paed (Warwick), D.C.H (Dublin), Cert. Dev.Paed. (London)

21 **Novella**
minn Emily Barbaro-Sant

22 **Br Elmar Pace OFMCap**
**Minn Electrical Engineer għal Kapuċċin**

24 **Missjoni**
minn Fr Hilary Abela OFMCap

26 **Qaddisin ta' Żmienna**
minn Tony C. Cutajar

28 **Teoloġija tal-Ġisem**
minn Patri Mario Attard OFMCap

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Esperjenza - Żewġi kellu problema tax-xorb**


**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**



*Qoxra:*
**L-immaġni ta' Ġesù fir-rieda tal-Missier (imsallab) f'intimità ma' Franġisku t'Assisi.**


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frano Fenech OFMCap
Ivan Scicluna OFMCap
Martin Micallef OFMCap



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: lpf1939@gmail.com

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Gutenberg Press Ltd.
Tel: 2189 7037

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*



© Dawl Franġiskan 2011
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



# M'HEMMX ŻMIEN X'JINHELA!

Fil-liturġija ta' nhar l-Erbgħa tal-Irmied, il-Knisja hija u tqegħdilna l-irmied fuq rasna tfakkarna personalment fl-ewwel kelmiet li Ġesù jgħid fil-Evanġelju skont San Mark: **"Indem u emmen fil-bxara t-tajba"** (Mk 1:15). Iżda qabel dan il-kliem fl-istess vers, it-test ta' Marku jdaħħal frażi oħra mill-aktar importanti: **"Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet"**. Xi jfisser dan għalina?

Fi ftit kliem Ġesù qiegħed jgħidli, **"... Isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli noqgħod għandek"** (Lq 19:5). Għal Ġesù mhux importanti x'kont ilbieraħ. Ma jimpurtahx jekk ilbieraħ jien kont żieni, faħxi, bla kontroll, idolatra, ġellied, mimli mibegħda, superstizzjuż, għajjur, inkurlat, ambizzjuż, mifrud, adulteru, rgħib, ħâli, eċċ. Meta Ġesù jixħet fuqi ħarsa ta' mħabba (Mk 10:21) u jistieden ruħu b'idejh biex jiġi f'qalbi, x'jaqbilli nagħmel? Mhux li nieħu l-atteġġament ta' Żakkew u kollni ferħan ninżel bla telf ta' żmien mis-suppervja u 't-tjubija tiegħi', u kollni ferħan nilqgħu għandi? (Lq 19:5). Ma għandix inħabbel rasi mit tqassis tan nies.

- "Issa qed tmur il-Knisja?
- Insietu żmienha?
- Xebgħa jiġri wara kull dublett li jara?"

Ħalliehom lin-nies ħa jkomplu **"jgemgu bejniethom u jgħidu li għand wieħed midneb daħal jistrieħ"** (Lq 19:7). Tinkwetax. Ġesù serraħli rasi meta qalli: **"Bin il-Bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf"** (Lk 19:10).

U x'jiġra meta nindem? Bħal Żakkew, jiena nieqaf (Lk 19:8). Jiġifieri wara li nagħraf il-ferħ li nħalli lil Ġesù jistrieħ f'qalbi, nieħu deċiżjonijiet prattiċi ta' konverżjoni. **"Ara Mulej, se nagħmel hekk u hekk"** (Lk 19:8). U neħodhom mhux għax obligat nagħmilhom, imma għax ferħan (Lk 19:6) li issa Ġesù qiegħed jistrieħ f'qalbi (Lk 19:7). Issa li Ġesù qiegħed jgħix f'qalbi, hu għamilni ġeneruż, ġust, ferħan, safi, leali, magħqud, moderat, seren, eċċ. Għamilni bniedem ġdid. Il-preżenza ħajja ta' Ġesù f'qalbi għamlitni bniedem ġdid illum. U llum, ma' San Pawl, nista' ngħid b'qalbi kollha: **"Araw, issa hu ż-żmien it-tajjeb; araw, issa hu jum is-salvazzjoni!"** (2Kor 6:2).

**"Is-Saltna ta' Alla mhijiex ikel u xorb, imma hi ġustizzja, u sliem, u grazzja fl-Ispirtu s-Santu"** (Rm 14:17). Jiena msejjaħ biex illum immur niltaqa' ma' Ġesù, ħalli s-sewwa, is-sliem u l-ħniena tiegħu, isiru tiegħi. Ħa nqum issa mill-ħażen tiegħi! Isimgħu! Qiegħed isejjaħli! (Mk 10:49). •

# "ĦAJJA TA' WLIED"






"Kunu tixbhu lil Alla, bħala wlied maħbuba, u imxu fl-imħabba, bħalma Kristu wkoll ħabbna u ta lilu nnifsu għalina" (Efes 5:1-2).

L-ewwel impressjoni li tagħtina din il-kelma ta' San Pawl hi li qed jitlob minna wisq b'dan il-kliem li bih ifissrilna li għandna nixbhu lil Alla. Imma qalilna wkoll ir-raġuni għaliex: għax aħna wlied Alla. Kellu raġun; l-ulied għandhom jixbhu lil ġenituri tagħhom. Ladarba l-Insara f'Ġesù l-Iben ta' Alla jsiru wlied Alla, ukoll jekk ulied **"adottivi"** (Rm 8:15.16; Gal 4:4-6), huma msejħin minn Alla biex ikunu jixbhuh f'imġibithom u f'għemilhom.

## NIXBHU 'L ALLA F'IBNU

Din hi ħaġa li tinħass iebsa, anzi impossibbli għalina l-bnedmin fuq din l-art. Kif jista' jkun li aħna bnedmin dgħajfa naslu biex inkunu nixbhu lil Alla, li hu l-istess qdusija? San Pawl jidher li għaraf u fehem din id-diffikultà. Għalhekk żied jgħid li aħna nistgħu naslu biex inkunu nixbhu lil Alla f'Ibnu Ġesù Kristu. **"Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier"** (Ġw 1:18). Ġesù, l-Iben, hu r-rivelazzjoni ta' Alla l-Missier. Fih naraw u nagħrfu l-Missier. **"Min ra lili ra lill-Missier"** (Ġw 14:9). Fih nimitaw lill-Missier u nkunu nistgħu nixbhuh. **"Hu x-xbieha (li tidher) ta' Alla li ma jidhirx"** (Kol 1:15). Lil Ġesù, l-Iben ta' Alla, nistgħu narawh u nkunu nixbhuh. U, meta nixbhu lilu, inkunu nixbhu lil Alla.

San Pawl semma li b'mod partikolari fi Kristu tidher l-imħabba ta' Alla lejna. Ġesù hu b'mod speċjali l-aqwa xhieda tal-imħabba ta' Alla lejn il-bnedmin. Għalhekk Pawlu qalilna li għandna nixbhu lil Alla fl-imħabba kif hu nnifsu wrihielna f'Ibnu Ġesù Kristu.

Hawnhekk jidħol San Ġwann li bi trattat sħiħ fuq l-imħabba ta' Alla f'Ibnu Ġesù Kristu u bi kliem ta' stedina biex inkunu nixbhuh fuq ix-xbieha ta' ibnu fl-imġiba tagħna lejn ħutna. Qed nirreferu għall-Ewwel Ittra ta' San Ġwann. Il-protagonista tal-ittra hu Alla kif inhu rrivelat f'Ibnu Ġesù Kristu. L-awtur jurina min hu Alla u jħajjarna nimitawh u nkunu nixbhuh fl-imġiba tagħna biex inkunu wlied tassew – biex **"l-għaqda tagħna tkun mal-Missier u ma' Ibnu Ġesù Kristu"** (1Ġw 1:3).



## NIXBHU 'L ALLA F'GĦEMILU

**"Alla hu dawl u ebda dlam ma hemm fih"** (1Ġw 1:5). Id-dawl hu simbolu tal-qdusija, kif id-dlam hu simbolu tad-dnub. Minħabba l-qdusija kbira tiegħu Alla **"jgħammar f'dawl li ħadd ma jista' jersaq lejh"** (1Tim 6:16; ara Is 6:3). Għalhekk Alla, li jridna nersqu lejh, bagħtilna 'l Ibnu fostna – "Alla minn Alla, Dawl minn dawl" – biex fih narawh, nersqu lejh u nimxu warajh. U Ġesù Kristu jgħidilna: **"Sakemm għandkom id-dawl, emmnu fid-dawl, biex tkunu wlied id-dawl"** (Ġw 12:36). Ulied id-dawl, għax ulied Alla. Imma għalhekk bħalu għandna nkunu **"dawl"**, jiġifieri qaddisin, f'ħajja bla dnub. **"Jekk ngħidu li aħna msieħbin miegħu, imma nimxu fid-dlam, inkunu qegħdin nigdbu u ma nagħmlux il-verità"** (1Ġw 1:6). Għalhekk Alla Missierna jgħidilna: **"Kunu qaddisin, għax qaddis jien"** (1Pt 1:16; Lev 11:44).

Alla huwa ġust; **"Jekk tafu li huwa ġust tafu wkoll li dawk kollha li l-għemil tagħhom huwa ġust huma mnisslin minnu"** (1Ġw 2:29). Il-kelma **"ġust"** (*dikaios*) ma tfissirx biss il-virtù tal-ġustizzja, li hi wkoll f'Alla bħala wieħed mill-attributi tiegħu; tfisser ukoll dak kollu li hu għal kollox rett quddiem Alla; dak li joqgħod għar-rieda tiegħu u li jimxi bir-reqqa mal-liġi tiegħu. f'dan is-snes ukoll Alla hu ġust fih innifsu u minnu nnifsu. Hekk ukoll hu qaddis fih innifsu u l-għajn ta' kull qdusija. Uliedu għandhom ikunu jixbhuh billi jimxu quddiemu **"bil-qdusija u l-ġustizzja" tul ħajjithom kollha"** (Lq 1:75).

**"Jekk tafu li huwa ġust, tafu wkoll li dawk kollha li l-għemil tagħhom huwa ġust huma mnisslin minnu"** (1Ġw 2:29). **"Kull min hu mwieled minn Alla ma jagħmilx dnub, għax iż-żerriegħa ta' Alla tibqa' fih; ma jistax jidneb, għax hu mwieled minn Alla"** (1Ġw 3:9).

Id-dnub hu l-affermazzjoni tan-nuqqas tal-ġustizzja. Għalhekk ma jistax ikun preżenti f'min hu mwieled minn Alla. L-ulied ta' Alla għandhom jixbhu lil Missierhom fl-imġiba ġusta tagħhom ukoll. Kull xorta ta' nġustizzja tmur kontra t-twelid minn Alla, li hu essenzjalment ġust u l-għajn tal-ġustizzja. L-imġiba ġusta tal-ulied ta' Alla tixhed għall-fatt li huma tassew imweldin minnu.

## NIXBHU 'L ALLA F'IMĦABBTU

**"Alla hu mħabba, u min jgħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla u Alla fih"** (1Ġw 4:16). San Ġwann ma setax isib kelma isbaħ minn din biex jurina min hu Alla. Hu mħabba, l-istess imħabba, fih innifsu u f'għemilu. L-aktar f'għemilu, kif wera lilu nnifsu fl-imġiba tiegħu mal-bnedmin l-ewwel fl-opra tal-ħolqien tagħhom u tal-provvidenza tiegħu



magħhom, imbagħad, u l-aktar, fl-opra tar-redenzjoni tagħhom permezz ta' Ibnu l-maħbub. **"Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem"** (Ġw 3:16). **"B'dan dehret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja, biex ngħixu bih"** (1Ġw 4:9).

Dan hu Alla għalina. Hu Missierna li ħabbna u jħobbna b'imħabba bla qjies. Għalhekk ikompli jgħidilna San Ġwann: **"Għeżież, ejjew inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla, u kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla. Jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu lil xulxin... u aħna għarafna l-imħabba li Alla għandu għalina u emminnieha"** (1Ġw 4:7; 11:16).

Hemm ħafna raġunijiet għaliex għandna nħobbu 'l Alla u minħabba fih inħobbu lil xulxin. Fosthom, kif semma l-awtur f'dawn il-versi, għax aħna wliedu, imweldin minnu. Fi kliem ieħor, biex inkunu nixbhuh, għax l-ulied tassew għandhom jixbhu lil missierhom.

Inħobbu 'l Alla, **"għax hu ħabbna l-ewwel"** (1Ġw 4:19). L-imħabba tagħna lejh tkun it-tweġiba xierqa għall-imħabba kbira tiegħu lejna. Imma jekk inħobbu lill-Missier, għandna nħobbu wkoll lil ħutna, li huma wliedu. Anzi, kif ikompli jgħidilna San Ġwann, ma nistgħux inħobbu 'l Alla, jekk ma nħobbux 'il ħutna wkoll. Lil Alla nħobbuh f'uliedu.

**"Jekk xi ħadd jgħid: Jiena nħobb 'l Alla, u jobgħod lil ħuh, dan ikun giddieb. Għax min ma jħobbx lil ħuh li jara, kif jsita' jħobb lil Alla li hu qatt ma rah? Dan hu l-kmandament li tana hu: li min iħobb 'l Alla, iħobb ukoll lil ħuh"** (1Ġw 4:20-21).

Alla, li hu Missierna, jiher f'ħutna l-bnedmin; fihom jiltaqa' magħna u fihom jistedinna nwieġbu għall-imħabba tiegħu lejna. •



# LID-DULURI

*Mis-salib fejn kien mislub,*
*Fi ħdanek taw 'il ibnek maħbub.*
*Ġisem tqil, mitluq u bla ħajja,*
*Kiesaħ, għeri u magħlub.*

*Bi dmugħ nieżel minn ħaddejk,*
*Ma setgħux jemmnu għajnejk,*
*Qalbek imfawra b'niket kbir,*
*Bħan-nisa twajba li hemm ħdejk.*

*Kif instelħet dik-l-ispalla,*
*Avolja dan hu Iben Alla,*
*Taħt it-toqol tqil tas-salib,*
*Fuqu msallab ħajtu ħalla.*

*Demm iċarċar mit-toqob t'idejh,*
*Bierek bihom it-tfal li ressqu lejh,*
*Il-ħobża qasam biex ġismu ssir,*
*'Il-għami fetaħlu bihom għajnejh.*

*Ħarstek marret fuq ir-riġlejn,*
*Minn fejn tibda ma tafx mnejn,*
*Pjaga waħda, kollha dmija,*
*Biex ipatti tad-dnub id-dejn.*

*Kemm imxew f'toroq kollha trab,*
*Sabbar u fejjaq lil kull min sab,*
*Waqt li għallem fuq is-Saltna,*
*L'hemm fil-għoli aktar mis-sħab.*

*Issa bl-imsiemer imtaqqbin,*
*Bil-waqgħat, l-irkopptejn misluħin,*
*Kemm kellha tkun kbira t-tbatija,*
*Tas-suldati Rumani tant kefrin.*

*Lil rasu b'xewk kbir inkurunawh,*
*Bħal b'ġieħ ta' sultan onorawh,*
*Kull xewka minn dawn nifdet ir-ras,*
*Demm ċarċar ma' kull daqqa li tawh.*

*Issa twettqet tiegħu l-missjoni,*
*Biex ġabilna s-salvazzjoni,*
*Minn għedewwa ġabna ħbieb,*
*Mal-Missier għamilna unjoni.*

*Idejk lil xagħru bil-mod mellist,*
*Bi qsim ta'qalb fuq ħdanu bist,*
*Twettaq dak li fuqu kien ntqal,*
*Lil ġismu għeri erġajt libbist.*

*Fir-redenzjoni miegħu magħquda,*
*Sa minn tarbija, f'maxtura minduda,*
*Ftakart x'qallek Xmun fit-tempju,*
*B'sejf qalbek għad trid tkun minfuda.*

*Kemm hi kiefra tal-bniedem qalbu,*
*Lil ibnek ma' salib ried isallbu,*
*Kemm jaħasra ma kien jaf xejn,*
*Taħ il-ħelsien bla qatt xejn ma talbu.*

*Marija Omm addolorata,*
*F'dan niftakru f'dil-ġurnata,*
*Taħt it-titlu tad-Duluri,*
*Għal imħabbtek qalbna grata.*

# PELLEGRINAĠĠ FL-ART IMQADDSA (I)



Ix-xewqa li l-bniedem ikun jaf aktar dwar l-imkejjen fejn Ġesù għadda l-aħħar jiem kritiċi ta' ħajtu tmur lura fiż-żmien. Xhieda ta' dan huma ż-żjarat fl-Art Imqaddsa, l-aktar f'Ġerusalemm, ta' pellegrini Nsara matul is-sena kollha. Dawn il-pellegrinaġġi bdew fir-raba' seklu u għadhom sejrin sa llum.

Ix-xewqa ta' bosta Nsara hi li jaraw b'għajnejhom stess is-siti ewlenin marbuta mar-rakkonti tal-Evanġelju: il-post tal-kamra fejn Ġesù kellu l-Aħħar Ikla fuq l-Għolja Sion, is-siġar mgħobbija b'mijiet ta' snin fil-Ġetsemani, il-paviment ta' Gabbatha fil-post fejn seħħ il-proċess tal-kas 'Ġesù ta' Nazaret' taħt Ponzju Pilatu, il-Via Dolorosa li matulha Ġesù mexa bis-salib, il-blata tal-Kalvarju fejn Ġesù ġie msallab, u l-Qabar ta' Kristu meqjum b'tant għożża bl-Edikola miegħu fil-Bażilka tas-Santu Sepulkru.

Bla dubju, ma' din ix-xewqa qaddisa tal-pellegrini u l-viżitaturi jinbtu mistoqsijiet, bejn b'kurżita u bejn b'interess, biex ikunu jafu aktar fuq in-narrattiva tal-Evanġelju:

- Kemm hi ta' min joqgħod fuqha t-tradizzjoni?
- Kemm nistgħu nkunu ċerti fuq l-awtentiċità tal-qabar ta' Kristu?
- Sa fejn nistgħu ngħidu li dan il-qabar hu verament dak li hemm fil-knisja tas-Santu Sepulkru?
- X'evidenza hemm biex nistgħu nippruvaw l-awtentiċità ta' dawn is-siti hekk meqjusa qaddisa?

U biex ikomplu jżidu ma' dawn id-dubji, fis-seklu 19 kien hemm interpretazzjonijiet u konklużjonijiet differenti u kultant kontrastanti mill-gwidi tal-post.

Minn fejn, għalhekk, bdiet tinġabar l-informazzjoni biex tinstab tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet? Ħafna drabi, in-nies bdew jirrikorru għar-rikostruzzjoni viżwali permezz tat-teatru u ċ-ċinema. Insemmu, fost l-oħrajn, il-'musical' eċċellenti Jesus Christ Superstar ta' Andrew Lloyd Webber u Tim Rice, The Last Temptation of Christ ta' Martin





*Il-Qabar ta' Ġesù.*

Scorsese, Il Vangelo Secondo Matteo ta' Pier Paolo Pasolini, u dan l-aħħar The Passion of Christ ta' Mel Gibson, film li impressjona 'l ħafna bid-dmija fuq l-iskrin, bi djalogu Għarbi u sotto-titoli bl-Ingliż, u li ma tħalliex jintwera Ġerusalemm għax kien meqjus mill-awtoritajiet bħala 'mhux ta' interess' għall-pubbliku ġenerali Israelit. Għalkemm wieħed jifhem li wara dawn ir-rappreżentazzjonijiet fuq il-palk jew l-iskrin ikun hemm element ta' riċerka, jibqa' l-fatt tas-suġġettiviżmu tad-diretturi u l-produtturi artistiċi. Mela, kif se jiġu ndirizzati l-mistoqsijiet kritiċi tal-pellegrini u ta' kull min għandu interess fi Kristu storiku u r-rakkonti dwar siti u ġrajjiet tal-Evanġelji? It-toroq l-aktar indikati li jistgħu jwasslu għall-probabbiltà storika huma it-Tradizzjoni u l-Arkeoloġija. U nħoss li pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa, int u ddur is-siti qaddisa, hu okkażjoni eċċellenti biex tirrifletti fuq dawn iż-żewġ fatturi ta' evidenza b'doża qawwija ta' konvinzjoni. M'għandniex xi ngħidu, għal min jemmen, fuq kollox hemm id-dimensjoni tal-fidi nisranija.

Tradizzjoni, Tradizzjonijiet [1] u Arkeoloġija Dak li jiddistingwi t-tradizzjoni minn fatturi ta' provi oħra huwa l-fatt li t-tradizzjoni tiddefinixxi l-verità u ssostni konsistentement il-verità matul iż-żmien. Id-definizzjoni tal-verità għandha warajha t-test taż-żmien. Għal min ikun ilu jimxi wara prattiċi tradizzjonali, rari jitqanqlu mistoqsijiet dwar alternattivi. Is-saħħa tat-tradizzjoni tipprovdi qafas ta' twemmin u azzjoni li ġeneralment ma jkunx kontestat. Il-gwardjani tat-tradizzjonijiet mhumiex l-istess bħall-esperti. Huma nies li ġabru l-għerf popolari maż-żmien u li l-fiduċja tal-poplu fihom tagħtihom il-leġittimità li jieħdu pożizzjoni biex jinterpretaw il-veritajiet ritwali tat-tradizzjoni. Huma dawn in-nies li, flimkien ma' esperti ta' dixxiplini oħra, għandhom l-awtorità li jagħtu t-tifsira tat-testi sagri, oġġetti u simboli ta' sitwazzjonijiet u memorji kollettivi.

It-tradizzjonijiet jinbidlu u jevolvu maż-żmien. L-impatt tal-globalizzazzjoni u tat-teknoloġija moderna qed iwassal biex l-aktar soċjetajiet tradizzjonali jinqatgħu mill-prattiċi tradizzjonali tagħhom biex jikkonformaw mal-ambjent globali kosmopolitan u pluralista. Madankollu t-tradizzjoni tibqa' minkejja t-tibdiliet u l-adattamenti ġodda tal-modernità. Ukoll f'bidliet soċjali bħall-bidla fl-istruttura tal-familja u fil-forom ġodda ta' relazzjonijiet bejn is-sessi, it-tradizzjonijiet u d-drawwiet tas-soċjetà jibqgħu jinfluwenzaw il-kultura u l-imġiba tan-nies. Għax fil-mentalità popolari, it-tradizzjoni u d-drawwiet huma l-ġabra tal-għerf minn ġenerazzjoni għal oħra; għerf li għadda mill-prova taż-żmien, li qatt ma qarraq bl-aspettativi tan-nies, u li dejjem sostna l-esperjenza kollettiva tal-poplu.

Dan huwa minnu wkoll fi tradizzjonijiet reliġjużi li huma assoċjati mal-idea tal-fidi. Ukoll jekk it-tradizzjoni hi għaddejja minn dubji f'dinja b'diversità ta' sistemi ta' twemmin, ideoloġiji u ideat. Il-konsensus popolari ta' sistemi ta' valuri, twemmin u ritwali tradizzjonali ma jgħaddux sakemm jistgħu jiġu ġġustifikati mit-tradizzjoni u minn sorsi awtorevoli oħra, fosthom l-arkeoloġija.

L-arkeoloġija tal-Art Imqaddsa għandha l-vuċi soda tagħha flimkien mal-informazzjoni u l-ideat tal-eseġesi storika tal-Evanġelji. L-arkeoloġija [2] tipprovdina bi spjegazzjonijiet u interpretazzjonijiet strutturati ta' siti u ġrajjiet speċifiċi li eventwalment jistgħu jiġu minsuġa ma' perspettivi tal-istorja u t-tradizzjoni. L-arkeoloġija titlob investigazzjoni kritika u tiftix metikoluż tas-saffi varji tal-verità storika. Hi proġett kompless, imhawwar b'mumenti eċċitanti b'sejbiet ta' oġġetti u skrizzjonijiet rari jew b'xi aċċess għall-passaġġi moħbija taħt saffi ta' snin, imma wkoll b'esperjenzi perikolużi bħal meta tgħaddi minn taħt xi saqaf u tistenna li se jċedi fuqek. Dan biex ma nsemmux is-snin twal ta' rekordjar, analiżi wara l-eskavazzjonijiet, u r-riċerka fil-libreriji biex tammonta flimkien il-frammenti differenti ta' evidenza.

L-Art Imqaddsa, l-aktar Ġerusalemm, hija l-aqwa sit arkeoloġiku fid-dinja [2]. Ġerusalemm hi waħda mill-aktar bliet eskavati, b'sensiela ta' fdalijiet antiki,

uħud diġà magħrufa, oħrajn għadhom jistennew li jinkixfu. Jingħad li kull pala tal-arkeologu li tinżel fl-art għandha probabbiltà qawwija li toħroġ informazzjoni rikka dwar l-imgħoddi ta' Ġerusalemm. It-tiftix arkeoloġiku xjentifiku li sar s'issa rnexxielu jsib soluzzjonijiet għal bosta mid-diffikultajiet storiċi, waqt li naqqas ħafna dubji fit-tradizzjoni. Hekk, ngħidu aħna, studji tal-arkeoloġija qegħdin jitfgħu dawl ġdid fuq il-palazz ta' Erodi l-Kbir fejn sar il-proċess ta' Ġesù kif ukoll fuq il-qabar ta' Kristu fil-Bażilka tas-Santu Sepulkru. Hekk ukoll sar bl-istudju arkeoloġiku tas-siti tal-Għolja tat-Tempju, tal-Għadira ta' Bethesda, u tan-naħa ta' fuq tal-belt fejn it-tradizzjoni Bizantina dejjem żammet li tinsab id-dar ta' Caiaphas.

Iżda, bħat-tradizzjoni, l-arkeoloġija għandha l-limitazzjonijiet tagħha. Il-fdalijiet jistgħu jkunu frammentarji jew inkonklusivi, l-interpretazzjoni tista' tkun żbaljata, u s-sorsi testwali jistgħu jiġu mibdula waqt it-trasmissjoni minn id għal oħra jew miktuba bl-iżbalji mill-kopisti. Barra minnhekk, l-arkeologu, bħall-istorjografu, qatt ma jista' jgħid li għandu tweġiba definittiva fuq il-fatti. Għalhekk, bħala għodda ta' riċerka, l-arkeoloġija għandha tintuża b'għaqal u bi prudenza. Trid tiġi mħaddma mir-riċerkaturi u dawk interessati bħala xjenza ndipendenti id f'id mal-istudji storiċi u mat-tradizzjonijiet komunement imħaddna għall-mijiet ta' snin. B'dan il-mod, l-arkeoloġija tista' turi l-validità tar-rakkonti bibliċi u l-istoriċità ta' Kristu jew tindika fejn hemm sempliċement miti jew assunzjonijiet. Huwa permezz ta' dawn iż-żewġ toroq ta' tiftix – it-Tradizzjoni u l-Arkeoloġija mwieżna mir-raġuni – li rridu naslu għall-verità storika ta' Ġesù Kristu, l-aktar dwar l-aħħar jiem tiegħu f'Ġerusalemm. Nistgħu anzi nżidu li l-informazzjoni mill-arkeoloġija timla ħafna mill-vojt li jħallu r-rakkonti tal-Evanġelji.

Mela, x'nistgħu nikkonkludu minn dan kollu? Mgħejjuna minn tradizzjoni konsistenti għal żmien twil u mill-evidenza sistematika tal-istudji xjentifiċi tal-arkeoloġija li jindikaw struttura jew 'pattern' huwa raġonevolment possibbli tikkonkludi li l-indikazzjonijiet huma kollha lejn grad għoli ta' probabbiltà jew ta' ċertezza morali fil-verità tar-rakkonti bibliċi. U l-konklużjonijiet u r-raġunamenti ikomplu jissaħħu mill-fidi reliġjuża. Il-fidi ma tidħolx fil-kompetenzi tax-xjenza u l-arkeoloġija, iżda tixħet aktar dawl fuq il-fatti li joħorġu minnhom. Tradizzjoni, Arkeoloġija, Raġuni u Fidi huma, għalhekk, l-erba' gwidi ta' kull min irid jagħmel pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa b'attitudni ġenwina li jfittex il-verità tal-Evanġelji u l-persuna ta' Ġesù Kristu. L-itinerarju ta' pellegrinaġġ bħal dan jinkludi żjajjar

- 'il-Bażilka tal-Annunzjazzjoni ġo Nazareth,
- 'il-Memorjal ta' San Pietru f'Kafarnaum,
- 'il-Qumran,
- 'l-Għolja tal-Beatitudnijiet,
- 'l-Għolja ta' Sion, u żjara
- lill-Qabar tal-Madonna.

Hemm imbagħad it-tradizzjonijiet u d-devozzjonijiet qawwija li nbnew madwar il-belt ta' Betlem u l-belt ta' Ġerusalemm b'siti kuċjali fl-Istorja tas-Salvazzjoni li jiġbdu eluf ta' pellegrini. Animaturi tajbin ippreparati professjonalment fix-xjenzi bibliċi u fl-arkeoloġija tal-post ikunu żgur għajnuna tajba għall-parteċipanti. L-esperjenza personali turini li l-Patrijiet Franġeskani Minuri li għandhom f'idejhom il-Kustodja tal-Art Imqaddsa huma fost l-aktar indikati bħala animaturi ta' pellegrinaġġ ta' din ix-xorta.

**Referenzi**

1. Giddens, Anthony (2000), Runaway World, Profile Books, p. 36-50.
2. Gibson, Shimon (2009). The Final Days of Jesus: The Archaeological Evidence, Lion, Introduction, p. X1 – XV1.



# FR RAYMOND BONNICI OFMCap
## 25 SENA PRESBITERU



Fr Raymond, it-tnax il-wild minn Joseph u Lina Bonnici, fl-età ta' dsatax-il sena ngħaqad fl-Ordni Franġiskan Kapuċċin tal-provinċja Maltija. Ħames snin mid-dħul fl-Ordni, Fr Raymond għamel il-Wegħdiet perpetwi tal-faqar, ubbidjenza u ċelebat. F'Jannar 1986 irċieva l-Ordni tal-Presbiterat minn Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, fil-Katidral tal-Mdina.

Bil-kisba tal-liċenzja fit-Teoloġija Pastorali mill-Università tal-Lateran - Ruma, żmien wara l-Ordinazzjoni Presbiterali, Fr Bonnici kien ta' qadi fil-formazzjoni tal-bidu, ħidma fl-isptar, f'parroċċi, lecturer fl-Akkademja u kappillan tal-pulizija.

Bħala gratitudni għar-rigal tal-Ordinazzjoni Saċerdotali u t-tisrif tagħha f'ħidma pastorali msemmija fuq, Fr Raymond Bonnici ċċelebra l-Ġublew tal-Fidda tal-Presbiterat tiegħu b'konċelebrazzjoni nhar il-Ħadd, 9 ta' Jannar 2011, fil-knisja parrokkjali Sidtna Marija ta' Lourdes – San Ġwann. Il-konċelebrazzjoni saret fil-ħin tal-quddiesa tal-għaxra. L-aħwa u l-qraba ta' Fr Bonnici kienu bi ħdejhom fil-bankijiet riservati, filwaqt li dawk li għandu fl-Awstralja kienu wkoll qegħdin jipparteċipaw f'din l-okkażjoni permezz tat-trasmissjoni fuq l-internet.

Aħwa u qraba ta' Fr Raymond Bonnici OFMCap flimkien ma' udjenza numeruża li mliet il-knisja għall-okkażjoni Ġubilari.





*Fr Raymond Bonnici jmexxi l-konċelebrazzjoni fit-tifkira tal-Ġublew tal-Fidda mill-Ordinazzjoni Presbiterali. Jassistu lil Fr Bonnici huma l-Provinċjal Emmanuel Barbara u d-Djaknu Karmenu Aquilina flimkien ma' għadd ta' Patrijiet oħra.*

Il-bqija tal bankijiet kienu moħuda mill-ħbieb u oħrajn li soltu jattendu għall-quddiesa tal-10:00. Kienet ċelebrazzjoni ordnata frott ta' kemm kienet organizzata. Il-kant kien alternat bejn il-grupp tal-Kariżmatiċi "Emmanuel" u l-kor "Madonna ta' Lourdes". Għamlu ħafna sabiħ. L-omelija, li saret minn Patri Ivan Scicluna OFMCap, kompliet ħawret il-benna u t-tifsira taċ-ċelebrazzjoni.

Lejn tmiem il-konċelebrazzjoni, meta kollox kien jidher li mar sewwa ħafna u dawk preżenti ħejjew ruħhom biex jirċievu l-barka, Fr Raymond stieden lill ġemgħa toqgħod bilqiegħda sakemm titpoġġa "ċ-ċirasa fuq il-kejk". Hin bla waqt u bla ma kien mistenni, is-Sinjura Maria Fenech, b'ħafna galbu, qrat ittra ta' Lina Bonnici, omm Raymond, li kienet kitbitlu għexieren ta' snin ilu u li binha Fr Raymond żammha mistura sa nhar jum il-Ġublew tal-Fidda tal-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu.

Din l-ittra, li kienet milqugħa b'ċapċipa kif kien jixirqilha, qegħda tkun ipproduċuta fil-paġna li jmiss.

**Ad Multos Annos.**

# L-ittra ta' Mrs Lina Bonnici lil binha Fr Raymond f'jum il-Wegħdiet tiegħu fl-Ordni Franġiskna Kapuċċini

Fr Raymond Bonnici OFMCap jagħti sinjal ta' paċi lil ommu Lina nhar il-Professjoni perpetwa 1985, fil-knisja tal-Kapuċċini, Furjana.



*Għażiż Ibni Raymond*

*Nixtieq flimkien miegħek f'dan il-jum għażiż għalina t-tnejn noffru l-ħajr tagħna lil Alla tal-grazzja li xeħet fuq il-familja tagħna permezz tas-sejħa tiegħek.*

*M'hemmx għalfejn ngħidlek x'nixtiequ, ħutek u jien. Dak ngħiduh lil Ġesù biex jekk hija l-volontà tiegħu jagħtihulek. Għalxejn noqgħod ngħidlek dak kollu li għadda minn moħħi fuqek minn dakinhar li wrejtni bis-sejħa tiegħek.*

*Nemmen li missierek, għal kemm mhux miegħi f'din id-dinja, qasam miegħi ħsibijieti u tana l-għajnuna tiegħu bit-talb tiegħu għalina lkoll. Bil-grazzja t'Alla komplejt miexi, iżda jiena xorta waħda nibqa' nitlob għalik biex hu jżomm idejh fuqek għal futur. Ma nistgħax ngħid li ma għaddewx minn fuqi mumenti ta' anzjetà fuqek, iżda ftit ftit qegħda tersaq aktar viċin dik il ġurnata tant mixtieqa fejn fiha nara titwettaq fil-qofol ta' mħabbti bħala omm.*

*Dakinhar li inti, għażiż ibni, tieħu l-istat tas-saċerdozju nkun nista' ngħid lill-Mulej: "Tajtni ħafna wlied x'nieħu ħsieb u issa kollha ħadu l-istat tagħhom, issa nafdahom kollha f'idejk".*

*Ray, nixtieq infakkrek f'żewġ episodji żgħar tal-ħajja tiegħek li meta seħħu, ftit kellhom tifsira. Bħala ringrazzjament lil Alla tal-grazzja li tana fil-mument tat-twelid tiegħek kont mort nipppreżentak lil San Rajmondu. Mur għidli dakinhar li f'din l-istess knisja kelli niġi narak twiegħed lil Alla li tkun tiegħu?!*

*Ma nistax nfissirlek, għażiż ibni, dak li qegħda nħoss, iżda jiena ċerta li r-rabta ta' bejnietna tesprimi dak kollu li nixtieq ngħidlek.*

*Ray, tiftakar meta darba fil-karnival, inti ma' ħabibek Christopher ilbistu ta' cowboys? Kemm kontu ħelwin! Il-kostum ma kien nieqes minn xejn, lanqas mir-revolvers, iżda meta inti ġejt biex toqgħod għar-ritratt, il-poża ta' wieħed qiegħed jispara ma xerqitlekx bħallikieku ma kinitx toqgħod mal-karattru tiegħek, donnok li inti anki jekk b'ċajt ma ħassejtekx imħajjar li taċċetta dik il-poża, xewqatek kienu diġà qegħdin jissawru fik mingħajr ma kont qiegħed tinduna; xewqat sbieħ li għad tkun tista' twettaqhom meta bil-għajnuna u l-grazzja t'Alla għad tkun tgħin lil dawk mifnija bil-qerda tad-dnub u tgħinhom iqumu biex jgħixu għall-ħajja tal-grazzja.*

*Ġrajja żgħira, maħbub ibni, li la ġiet f'moħħi xtaqt infakkarhilek. Illum f'idejk joqgħod f'postu tajjeb il-kurċifiss. Ħares lejh kull meta tixtieq titkellem miegħu u mingħandu joħorġu l-grazzji kollha li jagħmluk strument ta' paċi u ħajja.*

*F'isem missierek jiena nbierkek, f'isem ħutek nawguralek għall-ġejjieni, f'ismi ngħidlek grazzi tas-sodisfazzjon li tajtni f'ħajti. Ftakar fina lkoll fit-talb tiegħek biex il-familja tagħna kollha tersaq dejjem aktar lejn Alla u ssib fih il-faraġ u l-qawwa fil-problemi tagħna lkoll. Aħna minn naħa tagħna nagħmlu l-istess għalik.*

*Inbierkek minn qiegħ qalbi u nofrik lil Alla biex hu jagħmel fik dak li jixtieq.*

***L'għażiża Ommok x x x***



6 July 1985.

Għażiż ibni Raymond

Xtieq flimkien miegħek
f'dan il-jum għażiż għalina it-tnejn noffru
il-ħajr tagħna lill Alla tal grazzja li xeħet
fuq il-familja tagħna permezz tas-sejħa tiegħek

U kemm għal xejn ngħadlek
x'nistieqa ħutek u jien dak najdah lill
Gesu biex jekk hija l-volonta tiegħu
jatiulek. għal-xejn noqot najdlek
dak kollu li għadda min moħħi fuqek
min dakin nar li wrejtni bis-sejħa tiegħek.

Nemmen li missierek għal kemm
mux miegħi f'din id-di... qasam miegħi
... fit talb
tiegħu għalina il-koll. ...
kompleijt mixi igda ...
waħda nibqa nitlob ...
izomm idejh fuqek ...
nistax nigħid li ma ...
fuq mumenti ta a...
fit fit qeda tersaq akt...
ġurnata tant mist...
titnetaq l-qofol ta ...

Dakin-nh...
tiegħu l-istat tas-sac...
ngħid lill Mulej taj...
kreib u issa kolla ...
issa nafdhom kolla fidejh...

Ray mistieq infakrek f'żewġ episodji



F'isem missierek jiena mbierkek,
f'isem ħutek nawguralek għal gejjieni,
f'ismi ngħadlek grazzi tas sodisfazzjon
li tajtni f'ħajti. Ftakar fina lkoll fit-
talb tiegħek biex il-familja tagħna kolla
tersaq dejjem aktar lejn Alla u ssib fih
il-faraġ u l-qawwa fil problemi tagħna
lkoll. Aħna min naħa tagħna nsemmu
l'istess għalik. Inbierkek min qiegħ
qalbi u noffrik lill Alla biex Hu jaħdem
fik dak li jistieq.

L'għażiża ommok.
xxxxxx



Il-mibkija Lina Bonnici,
omm Fr Raymond.




*Neputijiet, ahwa u qraba ma' Fr Raymond Bonnici OFMCap nhar iċ-ċelebrazzjoni tal-25 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali.*



# MONS. ISQOF FRA ANTONIO MARIA BUHAGIAR OFMCAP U L-PAROĊĊA TA' B'KARA (1885-1889)

Fl-1885, id-Djoċesi ta' Malta kienet qed titmexxa mill-Isqof, Mons. Carmelo Scicluna. Iżda fl-istess sena minħabba li Mons. Scicluna diġà kellu 84 sena, il-Papa Ljun XIII ħatar lill-Mons. Antonio Maria Buhagiar OFMCap. Isqof titulari ta' Ruspè u Awżiljarju tal-Kardinal Lavigerie ta' Tunes, bħala Amministratur Appostoliku tad-Djoċesi ta' Malta, bis-setgħa li jmexxi d djoċesi minnflok l-Isqof Scicluna [1]. Huwa baqa' f'din il-kariga sal-bidu tal-1889 [2].

Kif se naraw f'dan l-artiklu Mons. Buhagiar kellu diversi rabtiet mal-parroċċa kbira ta' B'kara, li f'dak iż-żmien kienet qed titmexxa mill-Kan. Prepostu Arċipriet Dun Kruċ Pisani Borg, li kien ħa f'idejh it-tmexxija ta' din il-parroċċa kbira fl-1877 [3]. Insibu li f'udjenza li l-imsemmi Prepostu kellu mal-Papa Ljun XIII f'Lulju 1888 ppreżentalu ndirizz li fih il-Papa Ljun XIII ġie rringrazzjat talli kien ħatar lill-Isqof Buhagiar, bħala Amministratur Appostoliku tad-Djoċesi ta' Malta [4].

## IL-FESTA TA' SANTA LIENA U S-SALIB PETTORALI TAL-KANONĊI

Fit-18 t'Awwissu 1885, il-parroċċa ta' B'Kara ċċelebrat bħas-soltu b'sollennità kbira l-festa titulari ta' Sant'Elena. Il-purċissjoni filgħodu bil-vara ta' Sant'Elena tmexxiet mill-Isqof Buhagiar [5]. Meta kien Isqof ta' Malta Mons. Pace Forno (1857-1874) fuq rakkomandazzjoni tiegħu, il-Papa Piju IX ta lill-Kanonċi ta' B'Kara l-użu tas-Salib Pettorali fuq il-kappamanja mdendel minn *"un cordone di seta gialla"*. L-ewwel slaleb pettorali ġew ordnati Ruma. Dawn waslu Malta fis-16 ta' Jannar 1862 u ntlibsu għall-ewwel darba mill-Kanonċi fit-18 ta' Jannar 1862. Iżda fuq rakkomandazzjoni tal-Isqof Buhagiar fl-1885, il-Kapitlu ta' B'Kara qala' mingħand is-Santa Sede l-użu ta' "cordone pur esso d'oro" għas-Salib tagħhom [6]. B'ringrazzjament il-Kapitlu Elenjan waħħal kwadru ritratt fis-sagristija tal-Isqof Buhagiar, xogħol tal-pittur Lazzaro Pisani [7].

## IL-PREPOSTU MAĦTUR SEGRETARJU ĠENERALI TAL-KURJA

Fil-bidu ta' 1886 Mons. Buhagiar ħatar lill-Kanonku Prepostu Arċipriet Dun Kruċ Pisani Borg, bħala Segretarju Ġenerali tal-Kurja [8]. Il-Karkariżi naturalment ferħu b'dan l-unur li l-Isqof Buhagiar għamel lill-parroċċa tagħhom. Għaldaqstant delegazzjoni li kienet magħmula mill-Kanonku Dekan Dun Feliċ Grech, mill-Kanonċi Dun Karm Sammut u Dun Pietru Pawl Mallia, l-Onor. Arturo Barbaro, l-Ispiżjar P. Grech u s-Sur Antonio Lanzon marret għand Mons. Buhagiar u ppreżentatlu ittra ffirmata minn 330 ruħ, li fiha mhux biss irringrazzjawh għall-unur kbir li għamel lill-Kapitlu, Kleru u poplu bil-ħatra tal-Prepostu bħala Segretarju Ġenerali tal-Kurja, iżda rringrazzjawh ukoll talli ħallih iżomm il-kariga ta' Prepostu Arċipriet [9]. Sentejn wara nhar it-22 ta' Jannar 1888, l-imsemmi Prepostu Pisani Borg, ħa l-pussess ta' Kanoniku tal-Katidral [10], iżda sfortunament miet fil-31 ta' Marzu 1888 fl-età ta' 39 sena [11].

## VIŻTA PASTORALI U STATWA

Fit-30 ta' Jannar 1887 l-Isqof Buhagiar fetaħ il-Vista Pastorali fil-parroċċa ta' B'Kara [12]. Xahrejn wara f'Marzu 1887, Mons. Buhagiar irregala statwa ta' Sant'Antnin lill-knisja filjali ta' Santa Katarina, illum magħrufa wkoll bħala ta' Sant'Antnin [13].

## RABTIET OĦRA

Iżda l-Isqof Buhagiar kellu wkoll xi rabtiet oħra mal-parroċċa Elenjana. F'April 1887, approva xi tibdil fl-istatut tal-Fratellanza ta' San Ġużepp [14] mwaqqfa fl-1804 fil-Kolleggjata Elenjana [15]. Fi Frar 1888, il-Kanonku Dun Gwann Bugeja membru tal-Kapitlu Elenjan u Professur tat-Teoloġija Morali u Drittu Kanoniku fis-Seminarju, fuq rakkomandazzjoni ta' Mons. Buhagiar ġie maħtur Kanonku tal-Katidral [16].Wara l-ħatra ta' Mons. Pietru Pace bħala Isqof ta' Malta fl-1889 Mons. Buhagiar ġie maħtur Delegat Appostoliku f'San Domingo, gżira fil-Karibew. Mons Buhagiar mar f'din il-gżira, iżda ntrikeb minn marda u miet hemmhekk fl-10 t'Awwissu 1891 [17].

Għalkemm miet 'il bogħod minn Malta, il-Kapitlu Elenjan ma nsiehx, għax nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru 1891, sarlu funeral, fil-Kolleġġjata Elenjana bil-mużika tas-Surmast Bugeja [18]. •

(1) T. Azzopardi. Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana (1955) p. 120
(2) IBID p.122
(3) A(rkivju) P(arrokkjali) B(Kara) Libro 16, Battesimo (Sett. 1877, Sett.1892) nota fl-ewwel faċċata. Huwa ħa l-pussess ta' Prepostu-Arċipriet fil-25 ta' Settembru 1877.
(4) L'Ordine 12-viii-1885
(5) The Malta Times, 22-viii-1885 p.3
(6) L'Ordine 24-i-1862 Il-Risorgimento 21-viii-1885.
(7) Tagħrif fil-pussess tal-awtur
(8) La Voce di Malta 9-i-1886
(9) La Voce di Malta 16-i-1886, 20-i-1886.
(10) L'Ordine 25-i-1888
(11) A.P.B. Libro IX Morte 1881-1895
(12) A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili) Vista Pastorali Mons Buhagiar 1887 p.233
(13) L'Ordine 22-iii-1887
(14) A.K.A. Suppliche 1887,Vol I f 147R, 148R, 149R, 149V,
(15) A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili) Suppliche 1786-1808, Vol II ff. 701V, 702R, 702V, 703R.
(16) Il Portafoglio Maltese, 16-ii-1888
(17) T. Azzopardi Op.cit. p.122,123
(18) Il Risorgimento 29-x-1891



# L-INFERN
## REALTÀ JEW FANTASIJA? (2)

Kif rajna, fl-Iskrittura nsibu ħafna siltiet li b'mod ċar u mingħajr kompromess ikellmuna dwar l-infern. Għalhekk anki jekk din ir-realtà hija iebsa u kerha ma nistgħux ma nikkunsidrawhiex jew inwarrbuha minn quddiemna, imma huwa assolutament importanti li aħna nkunu nafu dwarha propju biex inkunu nistgħu nipproteġu ruħna minnha.



L-Appostlu San Pawl fl-ittri tiegħu jġib lista sħiħa ta' azzjonijiet li jorjentaw il-ħajja tagħna lejn l-infern:

- **"Ma tafux li l-inġusti ma jirtuhiex is-saltna t'Alla? La titqarrqux! La żienja, la idolatri, la adulteri, la effemminati, la omosesswali, la ħallelin, la rgħiba, la skaren, la qassiesa fuq in-nies, la ħattafa, ma jirtu s-Saltna ta' Alla" (1Kor 6:9).**
- **"Għax dan kunu afu: li ebda żieni jew faħxi jew rgħib – li hu idolatra – ma jkollu wirt fis-Saltna ta' Kristu u ta' Alla" (Ef 5:5).**
- **"L-għemejjel tal-ġisem huma magħrufa: żina, faħx, nuqqas ta' rażan, idolatrija, seħer, mibegħda, ġlied, għira, korla, ambizzjoni, firda, partiti, invidja, sokor, tbaħrid u ħwejjeġ bħal dawn; inwissikom bħalma wissejtkom qabel, min jagħmel dawn il-ħwejjeġ ma jiretx is-Saltna ta' Alla' (Gal 5:21).**

Għalhekk l-Iskrittura taffema, mingħajr ebda dubju, l-eġistenza, is-sofferenza u l-eternità tal-infern. Din r-realtà hija misteru tal-ġustizzja li tmur 'il fuq mir-raġuni tagħna anki jekk fiha nfisha mhix xi ħaġa li ma nistgħux nifhmu.

Il-Konċilju Vatikan II, fil-Kostituzzjoni dwar il-Knisja *Lumen Gentium*, filwaqt li jagħmel appell lilna l-insara biex: 'kif wissiena l-Mulej, nishru l-ħin kollu biex, wara li ntemmu din il-ħajja li tiġi darba biss (Lhud 9:27), aħna jisthoqqilna nidħlu għall-festa tat-tieġ... u ma nkunux ordnati, bħal qaddejja ħziena u għażżenin (Mt 25:26), li mmorru fin-nar ta' dejjem (Mt 25:41), mitfugħin 'il barra fid-dlam fejn hemm **"il-biki u tgħazziz tas-snien"** (Mt 22:13 u 25:30)'.

Il-Papa Gwanni Pawlu II, fl-udjenza Ġenerali tal-Erbgħa 28 ta' Lulju 1999 jikkummenta fuq pass mill-Evanġelju skont San Ġwann (3:19-21) u jgħid: '...il-bniedem jista' jiċħad volontarjament l-imħabba u l-ħniena ta' Alla. Din is-sitwazzjoni traġika hija dik li fid-duttrina Kristjana nsejħula l-'infern'. L-infern mhuwiex kastig impost fuq il-bniedem minn Alla, imma hu għażla libera li l-bniedem jagħmel f'din il-ħajja u li twassal għall-konsegwenza terribbli taċ-ċaħda definittiva tal-imħabba ta' Alla. Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħid: **"Li wieħed imut fid-dnub il-mejjet mingħajr indiema u mingħajr ma jilqa' l-imħabba mimlija ħniena ta' Alla, ifisser firda dejjiema minn Alla b'deċiżjoni libera. U hija propju din il-firda minn Alla li tissejjaħ 'infern'"**.

Il-Papa Benedittu XVI, fiż-żjara li għamel fl-parroċċa ta' Santa Feliċità martri f'Ruma, fil-25 ta' Marzu 2007, waqt li kien qed jikkummenta l-Evanġelju tal-adultera fi Ġw 8:11 qal: **"Ġesù ġie fid-dinja biex jgħidilna li jridna lkoll fil-ġenna u li l-infern, li fuqu ftit nisimgħu min jitkellem fi żmienna, jeżisti u huwa etern għal dawk li jagħlqu qalbhom għall-imħabba t'Alla"**. Anki minn din is-silta tal-Evanġelju, nifhmu li l-veru għadu tagħna huwa r-rabta mad-dnub li tista' twassalna għall-falliment tal-eżistenza tagħna, cioè l-infern.

# SILTA MILL-KTIEB
# 'FJURI LI MA JINXFUX'
## TIFKIRIET TAS-SNIN ĦAMSIN (3)



### BUKKETT FJURI DIFFERENTI

Fin-nofs tal-kamra, imdawwar issa b'erba' gandlieri bix-xemgħat mixgħulin, kien hemm in-nannu mdaħħal f'tebut, bl-għatu tiegħu imserraħ mal-ħajt. Kien hemm ħafna fjuri. Iz-zija ħaddnitni magħha u bisitni fuq ġbini, imbagħad tatni bukkett fjuri u qaltli biex inżommu f'idi sa l-aħħar.

Erba' miz-zijiet irġiel, fosthom missieri, baqgħu fil-kamra waqt li l-oħrajn bdew niżlin it-taraġ. Anki jien u z-zija Ġuża bqajna hemm għaliex iz-zija kellha tistenna lil kulħadd joħroġ mill-appartament u ssakkar warajha. Xi ħadd għalaq it-tebut u l-erba' zijiet refgħuh fuq spallejhom u




bdew ħerġin. It-taraġ ma kienx wiesa' wisq u z-zijiet batew ħafna biex niżżlu lin-nannu. Kien hemm xi rġiel barranin li għenuhom u f'xi waqtiet rajt ħafna idejn iżommu t-tebut biex ma jaħbatx mal-ħajt.

Fiċ-ċimiterju z-zija Ġuża baqgħet iżżommli idi sa ma wasalna ħdejn il-qabar miftuħ. Imbagħad telqitni ftit għaliex bdiet tibki ħafna u riedet timsaħ id-dmugħ bil-maktur. Jien qbadt b'idejja t-tnejn ma' djulha. Naf li kont qiegħed nibża'.

Kien hemm sikta kbira waqt li t-tebut kien nieżel fil-ħofra.

"Pà, pà," werżqet iz-zija Ċensina, u xi ħadd għenha żżomm fuq saqajha għaliex kienet se taqa' fl-art.

"Issa meta ngħidlek, ixħet il-bukkett fuqu," qaltli z-zija Ġuża, u ressqitni sa xifer il-ħofra.

Id-deffiena rabtuh bil-ħbula u bdew iniżżluh qajl qajl, sakemm taw skoss u l-kaxxa strieħet.

"Issa, ibni, issa," qaltli z-Zija Ġuża.

Fit-taxi, fi triqitna lura lejn l-appartament tan-nannu, ħadd ma qal kelma. Iz-zija baqgħet tħaddanni magħha l-ħin kollu, donnha beżgħet li se titlef lili wkoll.

"Issa jien ġejt waħdi," qalet.

"Tibżax, zi, għandek iz-zijiet, dawk żgur jiġu jarawk."

"Iva, iva, ruħi, dażgur," u mbagħad waqfet u kompliet bi tnehida.

"Kulħadd irid imut, zi. Mhux il-papà tiegħek biss, anki l-papà tiegħi irid imut. U jien ukoll."

"X'inti tgħid, ruħi? Minn fejn ġibthom dawn il-ħsibijiet?"

"Mill-bieraħ 'l hawn, zi."

"Taħsibx f'dawn il-ħwejjeġ. Inti għadek żgħir u għandek bosta ħwejjeġ sbieħ jistennewk."

Hekk kienet iz-zija, u dawn kienu t-tagħlimiet li ħadet mingħand in-nannu. Kien hemm ħafna affarijiet li kienu tabù, fosthom il-mewt, imma mbagħad ġrajja bħal din kien ikollha tkisser kull ħajt f'daqqa waħda.

Iz-zijiet kollha damu żmien twil jilbsu l-iswed bħala sinjal ta' luttu, bil-viżtu. Kien hemm żminijiet fissi kemm kellu jdum il-viżtu. Liz-zija Ġuża, madankollu, dejjem niftakarha tilbes ilbies skur, anki snin twal wara dan kollu.

## GĦAND IZ-ZIJA ĠUŻA

"Illejla mur orqod għand iz-zija! Inti taf li tieħu pjaċir bik, u issa ilek ġimagħtejn ma tersaq 'l hemm," qalli missieri waqt li baqa' minsub fuq il-mejda tal-ikel, jaqra l-gazzetta, idaħħan u moħħu fija.

Kienu għadhom kemm daqqu s-sitta ta' filgħaxija. L-arloġġi kollha tad-dar tagħna f'Balzunetta kienu jitqabblu mal-arloġġ tal-knisja, u l-arloġġ tal-knisja ma kellux jiżbalja, imqar bi ftit sekondi.

"Mur il Mużew, u meta tiġi ħu kollox miegħek u mur għand iz-zija. Tħallihx jidlam iżżejjed. Tkun qiegħda tistenniek, u qabel ma tasal inti, hi ma tidħolx fil-friex. Tħallihiex imqajma żżejjed." Missieri baqa' sejjer b'sensiela ta' ordnijiet żgħar oħrajn li jien kont ili li tgħallimthom bl-amment.

## GĦAD-DAWL TA' LAMPA TAL-ĦMISTAX

Fuq rasu eżatt, imdendla ftit 'l isfel mis-saqaf, u sewwasew mat-travu oħxon tal-injam li fuqu kienu jserrħu x-xorok, il-'lampa tal-ħmistax' kienet l-istess waħda li trabbiet miegħi. Ma kienx għadu daħal in-neon, u tubu tad-dawl ma kien jidher imkien. Malli ommi kienet imqar tbexxaq it-tieqa tal-gallerija f'ġurnata ftit mirjieħa, il-lampa kienet tibda tixxengel u tħalli ħafna ċrieki ta' dwal u dellijiet mal-erba' ħitan tal-kamra, li ma kinitx kbira. L-inkwatri tan-"natura morta" mdendlin wieħed ma' kull ħajt kienu jieħdu għal ftit waqtiet ħajja ġdida b'dik ir-raxxa dawl mixħuta bla ħsieb fuqhom. Kienu stampi foqra, kienu koroh, kienu rħas, mixtrija minn missieri minn fuq il-Monti u mdawrin b'lasta rqiqa tal-injam, miżbugħa ħadra, biex tiftaħ l-aptit, speċi ta' gwarniċ. Wieħed mit-teżori tad-dar tagħna f'Misraħ San Kalċidonju, Balzunetta. Kienet il-kamra ta' l-ikel.

Balzunetta, erba' kwartieri kbar marsusin bejn il-ġnien tal-Mall u d-Dar Ċentrali tal-Pulizija, imħaxknin mix-Xagħra tal-ballun u mill-ġnien l-ieħor tal-Gotti. Biċċa minnu, dak l-ispazju, kien fih dinja żgħira li kienet magħluqa għall-kotra tan-nies nofshom foqra ta' Balzunetta: kien il-bini tas-Seminarju (li maż-żmien beda jintuża bħala l-Kurja). Xi ħaġa kienet ilha tgħidli li maż-żmien jien kelli nispiċċa hemm ġew.

"Inti sejjer jew mhux sejjer?" reġa' għolla rasu missieri minn fuq il-gazzetta u qalli b'leħen ftit imqit, is-soltu tiegħu, leħen mimli interess fija, iżda leħen li ma jċedix.

Jien kont għadni minsub fuq il-kotba nħejji x-xogħol tal-iskola għall-għada filgħodu.

Drabi oħra kont noqgħod nistudja f'kamra oħra, fuq il-mejda tal-kamra 'tal-pranzu', li kienet żewġ kmamar lilhinn mill-kamra tal-ikel, fejn konna din id-darba. Din il-kamra 'tal-pranzu' kellha l-mejda tal-ikel speċjali, għall-okkażjonijiet speċjali, u għalhekk kellha l-isem speċjali wkoll, la Taljana. Din il-kamra kienet il-glorja ta' ommi; is-sett tal-għamara kien tagħha, u kienet tiftaħar biha kull meta kienet issemmi d-dota li kienu tawha ż-żewġ zijiet li rabbewha. Hemm kienu jsiru l-ikliet tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena, u hemm kien jinfirex ix-xorb u l-ikel u l-ħlewwiet modesti kollha kull meta kien jitnieda xi 'party' għal ftit qraba u ħbieb f'xi okkażjoni li tiġi darba kull mitt qamar: it-twelid ta' tarbija, il-wasla ta' xi uffiċjal għoli Ngliż li miegħu jew taħtu kien jaħdem missieri, jew l-ewwel tqarbina jew il-Griżma tal-Isqof ta' xi ħadd fost ħuti. Il-festi tiegħi kienu għaddew kollha.

Din id-darba konna fil-kamra tal-ikel tas-soltu. Malli l-arloġġ f'ras l-indana tat-taraġ daqq is-sitta u nofs, b'dik il-mota tiegħu li donnha ma kienet tieqaf qatt, qomt bil-ħeffa minn mas-siġġu, għalaqt il-kotba u rranġajt xagħri quddiem il-mera. Ommi kienet diġà ħejjietli borża magħluqa li stajt nobsor x'kien fiha: ftit galletti u ftit biskuttelli, flixkun luminata...u ftit soldi, sold fuq sold imqartsin f'karta strazza fil-qiegħ, u piġama.

"Għamiltlek il-piġama u qis li tilbisha," qaltli bi tbissima tat-tluq, qisha se ssellimli qabel ma nitlaq għal vjaġġ imbiegħed.

"U le, ma', għalfejn? Illejla m'hix kesħa," weġibtha waqt li b'idejja t-tnejn bdejt inqalleb fil-borża fejn kollox kien ovvju u fejn xorta xtaqt insib xi sorpriża.

"Kulma għamiltlek qis li tieklu."

"Kollox sew, ma."

"X'għandek tgħidli?"

"Benedizzjoni."

"Kun imbierek, ibni."

Missieri waqaf mill-qarl, għolla għajnejh bin-nuċċali tal-viżta jistrieħ fuq it-tarf ta' mnieħru u ħares lejja. Kien qiegħed jistennieni, bla kliem xejn, biex nitlob lilu jberikni wkoll. Kienet drawwa sabiħa, naqbel magħha, u aktar ma ssir rari, aktar nara valur fiha.

"Benedizzjoni, pa."

"Hekk mela. Kun imbierek." Taħt il-leħen imqit tiegħu kien hemm xkora mħabba moħbija. •



# "GĦALFEJN INSUM, FATHER?" SAN FRANĠISK JISPIRANA DWAR IS-SAWM.

Meta fil-qrar u fil-kuntatt tiegħi man-nies id-diskors jaqa' fuq is-sawm, inħobb nistaqsi lil dak li jkun x'sinifikat jara fl-eżerċizzju tas-sawm. Tkun dejjem mistoqsija li tissorprendi u li titfa' lil min tkun saritlu f'baħar ta' ħsibijiet. Mhux darba u tnejn jiġri li dak li jkun jintebaħ li fil-fatt ikun qed jimpenja ruħu fis-sawm b'mod mekkaniku, per eżempju, **"għax dejjem hekk dara"**, jew sempliċiment **"għax il-Knisja hekk tgħidilna"**, jew **"biex iserraħ il-kuxjenza"**. Jinduna li qed jgħix is-sawm bħala liġi imposta minn barra mingħajr qatt ma jkun internalizzaha, mingħajr qatt ma jkun għamilha tiegħu u hekk jibqa' għami għas-sens veru tas-sawm.

L-eżempju ta' San Franġisk jista' jispirana ferm dwar kif għandna nħarsu lejn is-sawm fil-mixja spiritwali tagħna. L-ewwel bijografi ta' ħajtu juruna kemm kien akkanit għas-sawm. San Bonaventura jinfurmana li Franġisku kien isum għal perijodi twal matul is-sena fejn kien jirriduċi l-ikel għall-minimu possibbli. Anki meta kien ikun marid, Franġisku ma kienx inaqqas mir-ritmu tas-sawm u meta kien jiekol mal-aħwa kien iraxxax l irmied fuq l ikel tiegħu biex iħassarlu t-togħma. U tant kien ħaqar u dgħajjef lil ġismu bis-sawm u bil-mortifiazzjoni li lejn l-aħħar ta' ħajtu talab skuża lil **"Huh il-Ġisem"**. X'kien li qanqal lil Franġisku biex jieħu s-sawm daqshekk bis-serjetà?

Meta wieħed ikun fan ta' xi kantant, footballer, attur jew mużiċist, ma tkunx sorpriża jekk jibda jimita lil min ikun jammira fl-ideat, fil-mentalità, fl-attitudnijiet, fl-ilbies u fl-imġiba tiegħu. Hekk ġara lil San Franġisk.



"...għal San Franġisk, is-sawm kien dejjem magħqud mat-talb. Għalih, is-sawm kien espressjoni esterna u fiżika tat-talb tiegħu."

L-impenn tiegħu għas-sawm kien ħiereġ minn xewqa kbira li jimita f'kollox (inkluż fis-sawm) lil min tant kien jammira – Ġesù Kristu. Dan jixhdu San Bonaventura meta jikteb: "**Minħabba l-imħabba unika u d-devozzjoni li San Franġisk kellu lejn Kristu, għal erbgħin jum wara l-festa tal-Epifanija – iż-żmien li Kristu dam moħbi fid-deżert – Franġisku kien jitgħaxxaq jirtira waħdu f'post solitarju (...) Hemmhekk, bil-minimu possibbli ta' ikel u xorb, kien jiddedika lilu nnifsu għas-sawm, għat-talb u għat-tifħir lil Alla**" (ara Leġġenda Maġġuri, kap. 9). Bl-istess mod, il-Papa Benedittu XVI, fil-Messaġġ tiegħu għar-Randan ta' sentejn ilu, jgħid li meta nċaħħdu lilna nfusna mill-ikel tal-ġisem inkunu qed innisslu fina dispożizzjoni interna biex nisimgħu l-leħen tal-Mulej Ġesù u nikbru fl-intimità tagħna miegħu.

Kif turina din is-silta, għal San Franġisk, is-sawm kien dejjem magħqud mat-talb. Għalih, is-sawm kien espressjoni esterna u fiżika tat-talb tiegħu. Anki fir-Regola li ħalla lill-patrijiet narawh jgħaqqad is-sawm mat-talb. Infatti, it-titlu tat-tielet kapitlu tar-Regola Bullata huwa: "**Dwar l-Uffiċċju Divin u s-Sawm.**" Hekk, Franġisk jispira ruħu mill-kliem ta' Kristu fl-Evanġelju: "**Għamla ta' xjaten bħal din ma tistax titkeċċa jekk mhux bit-talb u bis-sawm**" (Mark 9:20). Imqanqal mill-istess ħsieb, il-Papa Benedittu XVI, fl-istess messaġġ li semmejna iktar 'il fuq, kien irrefera għas-sawm bħala eżerċizzju spiritwali li fih il-ġisem u r-ruħ – il-bniedem sħiħ! – jingħaqdu f'tiftixa waħda għal Alla.

F'San Franġisk insibu wkoll referenza għall-valur mediċinali tas-sawn. Bħalma jeżistu mediċini li jittieħdu biex wieħed jevita xi marda li tista' taqbdu, bħal meta xi ħadd li jkun sejjer l-Afrika jieħu ċerti injezzjonijiet biex jevita mard bħal malarja u oħrajn, hekk is-sawm għal San Franġisk kien ta' għajnuna kbira biex jakkwista ċerta ħakma fuqu nnifsu u jitgħallem irażżan il-ġibdiet diżordinati fih.

Il-Papa Gregorju I kien ġabar dawn il-ġibdiet diżordinati li jħajruna għad-dnub f'lista ta' sebgħa, hekk imsejħa s-Seba' Rjus tad-Dnubiet il-Mejta:

***(1) il-kburija jew is-suppervja; (2) ix-xeħħa; (3) l-għira; (4) l-għadab jew ir-rabbja; (5) iż-żina; (6) il-gula (l-ikel u x-xorb żejjed); (7) il-għażż fil-ħwejjeġ t'Alla.***

Mas-sawm, Franġisku kien iżid għamliet oħra ta' mortifikazzjoni biex jitqabad ma' dawn il-ġibdiet tal-ġisem, bħal meta f'kesħa xitwija xxoqq il-għadam kien jintefa' jdur għeri fis-silġ. Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika wkoll isemmi il-valur mediċinali tas-sawm meta jgħid li ċ-ċaħda mill-ikel u x-xorb "**tgħinna naħkmu l-istinti tagħna**" biex ma nħalluhomx jiġru bina u jmexxuna lejn id-dnub (ara numru 2043). Il-Papa Benedittu XVI ukoll jisħaq dwar dan il-punt meta jgħid li s-sawm "**huwa għajnuna kbira biex wieħed jevita d-dnub**", il-mard tar-ruħ, "**u jbiegħed minnu kulma jista' jwaqqgħu fid-dnub.**"

Mill-banda l-oħra, bħalma jeżistu wkoll mediċini li jittieħdu biex ifejqu l-ġisem mill-mard li jkun ħakmu, hekk ukoll, jekk naqgħu fid-dnub, is-sawm isir turija tad-dispjaċir profond tal-midneb għal dak li jkun għamel u juri rieda li dak li jkun irid jimpenja ruħu fl-għemil it-tajjeb. B'dan il-mod is-sawm isir "**strument biex inġeddu l-ħbiberija tagħna ma' Alla**". Hekk per eżempju, malli Aħab, sultan ta' Iżrael, sama' ċ-ċanfira tal-profeta Elija għall-ħażen li kien għamel, "**ċarrat ħwejġu, libes xkora fuq il-laħam u sam ...**" (1Slaten 22:27) bħala turija ta' ndiema. F'San Franġisk ukoll insibu din l-idea meta narawh jagħtiha għal ħajja ta' sawm u penitenza biex jagħmel tajjeb għaż-żmien ta' meta kien għadu mehdi f'ħajja mtajra u kollha frugħa qabel ikkonverta.

Nawguraw lil xulxin li fiż-żmien tar-Randan li ġej fuqna nidħlu għall-impenn tas-sawm imqaddes – flimkien mat-talb u l-għemejjel ta' karità – mhux "**għax dejjem hekk għamilna**" imma għax – ispirati minn San Franġisk – is-sawm jagħmilna nixbhu lil Kristu, jesprimi s-sehem tal-ġisem fil-mixja tar-ruħ lejn Alla, jgħinna nrażżnu u nsaffu t-tendenzi li jistgħu jwassluna għad-dnub u huwa turija f'waqtha ta' ndiema tal-qalb. •

# L-EFFETTI TAT-TELEVIXIN FUQ IS-SAĦĦA TA' WLIEDNA *IMPLIKAZZJONIJIET U RIKOMMANDAZZJONIJIET (II)*

**(d) L-effett negattiv fuq l-iżvilupp tat-tfal**

L-ammont ta' ħin żejjed quddiem it-televixin jissarraf f'anqas ħin fuq attivitajiet benefiċjali bħal ngħidu aħna ħin għal qari, studju, logħob interattiv kif ukoll delizzji li lkoll jgħinu biex ikattru l-iżvilupp u l- kapaċitajiet intelletwali tat-tfal tagħna. Għalhekk tfal li jqattgħu ħafna ħin quddiem it-televixin minhajr ebda sens ta' stimulu tal-intellett tagħhom jaqgħu lura ferm fl-iżvilupp intelletwali tagħhom.

**(e) L-abbuż mill-alkoħol, tipjip u droga**

Kif kulħadd jara b'għajnejh, il-"media" tirriklama t-tipjip u x-xorb b'mod glamoruż li jappella ferm għaż- żgħażagħ u l-adoloxxenti. Studji riċenti qed jistmaw li terz tat-tipjip fl-adoloxxenti jista' jkun relatat mar- riklamar tat-tipjip fuq il-"media".

## X'INHUMA R-RIKKOMANDAZZJONJIET LILL-ĠENITURI U LIT-TOBBA JEW PEDJATRI LI JIEĦDU ĦSIEB IS-SAĦĦA TAT-TFAL U L-ADOLOXXENTI?

L- Akkademja Amerikana tal-Pedjatrija nnotat li:

(a) persentaġġ għoli ta' tfal għandhom sett tat-televixin fil-kmamar tagħhom stess,

(b) anqas minn nofs il-ġenituri jaraw it-televixin flimkien ma' wliedhom u għalhekk jitnaqqas l-effett posittiv tal-ġenituri billi dawn jistgħu jkunu "media educators" fejn il-ġenituri jixtarru l-valuri li joħorġu mill-messaġġi tat-televixin.

Għalhekk, l-Akkademja Amerikana tal-Pedjatrija tirrikmanda lill-ġenituri:

(1) biex jipparteċipaw fid-diskussjoni tas-selezzjoni tal-programmi li t-tfal tagħna jkunu se jaraw,

(2) il-ġenituri jaraw it-televixin flimkiem mat-tfal fejn dawn ikunu jistgħu jiddiskutu l-kontenut tal- programm jew film flimkiem u b'mod interessanti u matur,

(3) il-ġenituri jistgħu jieħdu l-inzjattiva u jgħallmu lil uliedhom sistema ta' "viewing skills" fil-mod kif wieħed jara l-films u l-programmi fuq it-televixin,

(4) il-ġenituri għandhom jillimitaw il-ħin li t-tfal iqattgħu quddiem it-televixin għal mhux aktar minn siegħa jew tnejn fil-ġurnata,

(5) il-ġenituri għandhom ikunu "media role models" għat-tfal tagħhom,

(6) għandhom jitneħħew is-settijiet tat-televixin mill-kmamar tas-soda tat-tfal,



(7) il-ġenituri għandhom jevitaw li jużaw it-televxin bħala "baby sitter" elettroniku.

Minn naħa l-oħra, skond l-Akkademja Amerikana tal-Pedjatrija, il-pedjatri għandhom:

(1) ikunu mgħarrfa aktar fuq l-influenza tal-"media" fuq il-pazjenti tagħhom,

(2) ikunu kapaċi jedukaw il-pazjenti tagħhom u l-ġenituri fuq l-aspett ta' "media" aktar benefiċjali fuq is-saħħa mentali u fiżika tat-tfal,

(3) jinkorporaw mistoqsijiet fuq l-użu tat-televixin fid-dar waqt visti ta' rutina tat-tfal, fejn għandu jimtela speċi ta' "media history form", li fiha jkun hemm:

   (a) in-numru ta' sigħat li t-tfal iqattgħu quddiem it-televixin, li kif semmejna qabel, m'għandux jeċċedi siegħa jew l-aktar sagħtejn fil-ġurnata?

   (b) jekk il-ġenituri jarawx it-televixin flimkien ma' wliedhom u jekk issirx diskussjoni bejn it-tfal u l-ġenituri waqt il-programmi?

   (c) jekk hemmx settijiet tat-televixin fil-kmamar tat-tfal?

   (d) jekk isirx kontroll fuq l-ammont ta' vjolenza, sess, kliem baxx, kif ukoll abbuż mit-tipjip u l-alkoħol?

   (e) jekk hemmx regoli fid-dar ta' x'ħin it-tfal jaraw it-televixin?

   (f) jekk it-tfal jitħallewx inaqqru u jieklu pakketti u iekol ieħor quddiem it-televixin?

   (g) jekk it-tfal jistaqsux lill-ġenituri biex jixtru prodotti riklamati fuq it-televixin?

B'dawn l-erba' kelmiet nispera li semmejna l-effetti posittivi u negattivi tat-televxin fuq is-saħħa fiżika, psikoloġika u anki spiritwali tat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna, biex b'hekk, kemm bħala ġenituri kif ukoll bħal speċjalisti fil-kura tas-saħħa tat-tfal inkunu aktar konxji u ppreparati biex flimkien insaħħu l-effetti posittivi tat-televixin, kif ukoll nevitaw il-problemi li jistgħu jirriżultaw mill-effetti negattivi tat-televixin fuq is-saħħa ta' wliedna. •




## ĠRAJJIET IL-PAPA

# MAX U BENEDETTO (4)

minn: **Fulvio Fraticelli, Direttur Xjentifiku tal-Fondazione Bioparco di Roma**
Traduzzjoni għall-Malti: **Emily Barbaro-Sant**



Nistħajlek tistaqsini kif naf dan kollu? Eee..., imissek sa issa fhimt li jiena għasfur ftit kurjuż. Anzi, kurjuż ħafna. U minħabba f'hekk, meta mmur nikkaċċja l-insetti fuq il-ħoġor tat-twieqi fis-salotti fejn jinżammu l-udjenzi, nieqaf inħares u nissemma dak kollu li jkun qed jingħad ġewwa.

L-għaxqa tiegħi nosserva n-nies jistennew biex jiltaqgħu ma' Benedittu. Ikunu dejjem eċitati ħafna... Ikun hemm min jibda jirranġa l-ingravata, min imiss xagħru, min jirranġa sewwa s-salib ta' fuq sidru, min iċaqlaq riġlejh, min iħares lejn iż-żarbun biex jara għadux ileqq biżżejjed, min ilissen minn taħt l-ilsien il-kliem li jaħseb li se jgħid lill-Papa... Imbagħad, tul il-laqgħat, is-sitwazzjoni tinbidel. Issir kalma għax Benedittu huwa persuna tant sempliċi u ġentili li kulħadd iħossu komdu miegħu malajr.

Benedittu jisma' lil kulħadd b'interess, jitkellem mal-mistednin mingħajr għaġla u b'għajnejh f'għajnejhom, joħdilhom b'idejhom b'imħabba, u meta jkun il-każ, mad-diskussjoni ma tonqosx xi ċajta. Niftehmu, Benedittu mhux it-tip ta' bniedem li jirrakkonta ċajta wara l-oħra, imma jaf jara l-aspetti differenti tal-ħajja u kuntent li jaqsamhom magħhom.

U la qed insemmi d-divertiment, taf li anki aħna l-għasafar nieħdu pjaċir niddevertu? Naturalment, niddevertu skont kif nafu aħna. Jiena per eżempju, meta rrid nidħaq daħqa, immur fil-park ta' Villa Borghese fejn hemm ħafna ċawl griż xi ftit ħallelin iżżejjed, li jħobbu jwaqqgħu l-ġewż mill-għoli biex wara li jfaqqa' fuq l-asfalt tal-passaġġi, jikluh. Xi kultant, iżda, flok fuq l-asfalt, il-ġellewż jispiċċa fuq xi ras ta' min ikun għaddej. U trid tara l-wiċċ ta' min ikun intlaqat!

Kull nhar ta' Erbgħa, Benedittu għandu appuntament speċjali fi Pjazza San Pietru, żjara miftuħa għal kulħadd li tissejjaħ **"Udjenza Ġenerali"**. F'din l-okkażjoni kulħadd jista' jiltaqa' miegħu u jsellimlu. Ovvjament, minn ċerta distanza, għax inkella l-Papa jispiċċa fgat minn eluf ta' eluf ta' nies, li kollha jixtiequ li joħdulu b'idejh, forsi wkoll jgħannquh, qabel jisimgħu d-diskorsi tiegħu bi kliem sempliċi iżda profond.

Meta jkun maltemp, l-Udjenza Ġenerali tinżamm f'sala enormi, għalkemm mhix kbira biżżejjed biex tesa' lil dawk kollha li jkunu jixtiequ jipparteċipaw. Kull darba, jkunu ħafna dawk li ma jirnexxilhomx isibu post. Allura, Benedittu jagħmel minn kollox biex jiltaqa' magħhom barra, anki jekk ikun il-bard u l-ksieħ.

Meta l-Udjenza Ġenerali tinżamm fil-beraħ, ma nitlifx mument. Jiena għandi xortija tajba għax nista' nagħżel l-aħjar postijiet biex insegwi dak kollu li jkun qed jiġri.

Benedittu jasal fuq il-papamobil bajda fost iċ-ċapċip u l-kant tal-folla. **"Be-ne-dit-tu, Be-ne-dit-tu!"**, jgħajjtu lkoll fil-waqt li jċapcpu. Qabel ma jieħu postu, idur dawra man-nies bil-karrozza, fost kwantità kbira ta' beraq tar-ritratti. Ikun qisu wasal popstar għal xi kunċert. Jiena żgur li għal bniedem kwiet u riżervat bħalu ma kienx faċli jaċċetta sitwazzjonijiet bħal dawn. •

# BR ELMAR PACE OFMCap
# MINN ELECTRICAL ENGINEER GĦAL KAPUĊĊIN



Min qatt kellu jgħidli li kelli nidħol mal-Kapuċċini! Sa minn meta kont għadni żgħir dejjem ħabbejt il-fidi Nisranija. Fil-fatt kont nattendi l-Museum u sirt ukoll membru ta' din is-Soċjetà. Fil-Museum – u dan jgħodd għal kull vokazzjoni oħra (reliġjuż, miżżewweġ, saċerdot, eċċ ...) – ma tistax tfittex biss dak li jogħġob lilek, iżda trid tkun lest li tħobb u toffri ħajtek għall-oħrajn; ħaġa li forsi jien kont għadni ma fhimtx. Jien kont aktar infittex dak li jogħġob lili u mhux dak li verament ried Ġesù minni. Il-ħajja kienet aktar iddur fuqi nnifsi u fuq kif nista' nkun kuntent jien, mingħajr ma kont infittex wisq li ninfetaħ għall-bżonn tal-oħrajn.

Mix-xogħol kont indawwarha tajjeb u għalhekk kont inkun nista' nixtri dak kollu li xtaqt. Fittixt li nimla qalbi b'affarjiet materjali. Kull ma kont nixtieq (bħal ngħidu aħna, karrozza armata bis-sound, computer, home-cinema, safar u ħafna affarjiet oħra) kont nixtrih jew nagħmlu għax kont naħseb li b'hekk se nkun aktar kuntent. Xi sena u nofs qabel ma' dħalt mal-Kapuċċini kont ħriġt mill-Museum għax ħassejt li kelli bżonn iktar ħin għalija nnifsi. Meta l-ħajja kienet iddur biss fuq dak li ridt jien mingħajr ma ninfetaħ għall-bżonnijet tal-oħrajn kollox beda jidher żejjed u għalhekk bir-raġun li ħassejtni hekk. Iżda l-kuntentizza vera tinsab filli tinsa xi ftit lilek innifsek u tagħmel ukoll xi sagrifiċċju għall-oħrajn. Wara li ħriġt mill-Museum, din it-tendenza fija li nagħmel u nakkwista dak li rrid kompliet tikber dejjem iżjed.

Xi ħaġa li bdejt nesperjenza f'dan iż-żmien kien il-vojt kbir li bdejt inħoss fil-qalb tiegħi. Għalhekk komplejt nogħdos f'din it-tip ta' ħajja fejn kont qed nipprova nimla qalbi bl-affarjiet materjali. Sakemm fl-aħħar ġara dak li qatt ma stennejt ...! Xi ħaġa li ġegħlitni nirrealizza kemm il-ħajja hi qasira u kemm jeħtieġ nużaha tajjeb. Kollox ġara meta darba stenbaħt bil-lejl qisni bħal maħsud, qalbi bdiet tħabbat b'mod mgħaġġel u bdejt inħoss bħal tagħfis f'sidri. Dak il-ħin sthajjiltni se mmut; ħsibt li qed jagħtini xi attakk tal-qalb u tant qabadni biża' li bdejt nitlob lil Alla jagħtini ċans ieħor għax irrealizzajt li kont ħa nidher quddiemu b'idi vojta għax sa dakinhar fittixt dejjem dak li ridt jien u mhux dak li ried minni hu. Dak il-ħin bdejt ngħajjat lil ommi u din, x'ħin ġiet, ċemplet l-isptar fejn qattajt xi jumejn. Irriżulta li ma kelli xejn gravi, iżda biss li kien qabadni panic attack. Kos! Kif jaħdem Alla! Kellha tkun din l-esperjenza xi ftit kerha biex nasal nirrealizza x'inhu l-aktar importanti fil-ħajja!




Minn dakinhar ħajti nbiddlet ta' taħt fuq u bdejt nitlob aktar bis-serjetà. Bdejt nitlob lil Ġesù jurini dak li ried minni. Il-quddiesa saret xi ħaġa ta' kuljum u lil Marija, permezz tar-rużarju, sibtha ta' għajnuna kbira. Fil-fatt, ir-rużarju għadu talba importanti ħafna fil-ħajja tiegħi, b'mod speċjali meta nkun għaddej minn mumenti diffiċli. Bdejt infittex li nkun aktar miftuħ għall-bżonnijiet tal-oħrajn. Niftakar li f'dak iż-żmien kien ġie wieħed refuġjat jaħdem miegħi x-xogħol u bdejt nipprova ngħinu mill-aħjar li stajt. Bis-saħħa ta' dan ir-refuġjat bdejt inżur ukoll l-Open Centres tar-refuġjati u ngħin li xi refuġjati ħbieb tiegħu f'dak li kellhom bżonn. F'kelma waħda, Ġesù beda jgħinni nsir aktar sensittiv għall-bżonnijiet tal-oħrajn. Minn dawn l-esperjenzi u oħrajn bdejt inħoss f'qalbi l-bżonn li nitlaq kollox u noffri ħajti kollha lil Ġesù. Ma ridtx nibqa' iżjed dak il-bniedem egoist, ħsiebi biss fija nnifsi, iżda ridt nagħti ħajti kollha lil Ġesù fit-talb u f'servizz lill-proxxmu u l-aktar dak fil-bżonn.

Kien propju f'dan iż-żmien li beda jiġini l-ħsieb li nidħol reliġjuż, iżda kont għadni ma nafx ma' liema Ordni. Niftakar li bdejt nitlob lil Ġesù jurini biċ-ċar x'ried minni. Niftakar ukoll li darba waqt prayer meeting li kont attendejt, ħassejt li għandi mmur inqerr u niftaħ qalbi mal-qassis dwar dak li kont għaddej minnu. X'ħin għidtlu li qed inħoss lil Ġesù jsejjaħli biex noffrilu ħajti kollha u li ma kontx naf kif stajt nagħmel dan, hu qalli: **"Ibqa' itlob u Ġesù jurik żgur u ma jdumx."** U fil-fatt hekk ġara!

Il-ħsieb li nidħol mal-Kapuċċini beda jiġini meta darba kont qed infittex fuq l-Internet u fost ħafna websites sibt dik tal-vokazzjonijiet Kapuċċini. Minn dak li qrajt fil-website bdejt nara li l-ħajja tal-Kapuċċin kienet taqbel ħafna ma' dak li ħassejt li rrid nagħmel fil-ħajja tiegħi. Iżda l-biża' kien dejjem iżommni lura milli nikkuntatjahom u lil Ġesù kont nitolbu u ngħidlu li jekk mhux se jurini biċ-ċar jien ma kontx se niddeċiedi. Però, Ġesù ma damx ma laqqagħni ma' persuna li mbuttatni biex nieħu din id-deċiżjoni. Niftakar li f'dak iż-żmien kont mort inżur lis-Sorijiet tal-Klawsura ta' l-Ordni Ġerosolomitan, il-Belt Valletta, biex ngħidlilhom jitolbu għalija u nzerta li s-soru li kienet mal-bieb kienet taf lill-familja ta' ommi. Wara li domna nitkellmu staqsietni x'kont qed nagħmel u x'ħin għidtilha li qed inħoss is-sejħa li nidħol Kapuċċin u li kelli 27 sena, hi qaltli b'mod qawwi: **"X'qed tistenna?"** U bagħtitni dak il-ħin stess għand Patri William Axiaq, patri Kapuċċin li hi kienet taf sew. Kien hawn li kellimt għall-ewwel darba lill-Kapuċċini.



Wara din l-esperjenza bdejt nattendi l-laqgħat tal-vokazzjonijiet ġewwa l-kunvent tal-Kalkara fejn għenuni nara aktar biċ-ċar jekk din kinitx il-vera vokazzjoni tiegħi. Ilum għaddew kważi erba' snin minn dan kollu u qatt ma ddisjpjaċieni mill-għażla li għamilt f'ħajti. Il-ferħ li jagħti Ġesù meta tagħtih kollox, ebda oġġett materjali ma jista' jagħtihulek! •

# Għemejjel Ta' Ħniena



Il-Ħadd wara nofsinhar, għal ommi, kien 'il waqt li tistrieħ minn ġimgħa xogħol. Kienet tintefgħa bilqiegħda għal frisk fil-bitħa u taqra r-rivista **"Malta Missjunarja"**. Dak iż-żmien kienu jiġu jqassmuha bieb bieb bi ħlas fuq l-għatba.

Wara li ommi tispiċċa mill-qari, ir-rivista kienet taqa' f'idejja. Għajnejja kienu jiġru l-iżjed fuq l-istampi milli l-kitba mirquma li tqanqal il-qlub għal kull għotja ġeneruża. Kelli sabar kbir biex inqasqas l-istampi u nwaħħalhom waħda waħda fuq il-folji ta' pitazz li kont xtrajt għal dan il-ħsieb.

Fi tmien is-sena kont nispiċċa b'album li jiġbor fih il-ħajja ta' dawk li jgħixu 'l bogħod mill-ibħra Maltin.

Kull darba li kont narhom kien jinġabar f'qalbi bħal 'amar jikwi... ilħna ta' min hu fil-bżonn... deherit ta' ħsibijiet x'jista' wieħed jagħmel għal dawn l-imwarrbin.

## ĦTIĠIJIET TAL-ĦAJJA

L-għemejjel tal-ħniena kont nafhom fuq ponot subgħajja:

- Itma lil min hu bil-ġuħ...
- Isqi lil min hu bil-għatx...
- Libbes lill-għarwien...

Tliet għemejjel li kull bniedem għandu bżonnhom sa ħruġ minn ġuf ommu għad-dħul f'qabru.

Bejn il-ġuħ, l-għatx u l-għera, jien jidhirli li ġuħ jaħkem fuq t-tnejn l-oħra. Għax ngħiduha kifinhi: biex wieħed jaqtgħa l-għatx hemm l-ilma tax-xita li jinġabar fl-għadajjar, f'nixxijiet jew jintrefgħa taħt l-art għal dawk li b'xorti tajba jħaffru xi bjar.





Għall-għera, kull biċċa drap tistor dak li hu ta' xkiel għall-għajnejn. Imma l-ġuħ ikiddek, jislittlek ġismek ftit ftit sa ma jħallik għadma u ġilda b'rimi f'xi ħofra speċi ta' qabar.

## XOGĦOL U IKEL

Qliegħ il-flus mhux se ssibu kif ġieb u laħaq. Ħafna drabi wieħed jagħmel ġranet sħaħ biex isib xi biċċa xogħol u bil-flus li jaqla' jitma' lill-familja. Mhux l-ewwel darba li għaxja ta' lejla spiċċat trejjaq tmienja minn nies.

Fil-Missjoni dejjem hemm bżonn ta' xi biċċa xogħol żgħira jew kbira, li ħafna drabi ma jkollox flus biżżejjed biex tagħmilha. Bla ma trid ikollok titlob l-għajnuna lil xi Għaqda, li l-għajnuna li jagħtu hija ta' ikel milli flus. Imma kull laqxa tirfed l-imramma. Kejla fażola u oħra qamirrum, hekk hija għajnuna siwja biex ittaffi xi ftit il-ġuħ mill-familji.

Ix-xogħol għall-ikel sewa ta' ġid kbir għal xi wħud għax minbarra li temgħu lil uliedhom tgħallmu sengħa u bdew jaqdfu għal rashom biex jitimgħu lil uliedhom.

Il-qwiel dejjem swew fi żmienhom u sewwa jgħidu: **"Tiekol bla ma trod, is-swar tħott."** Hekk jiġri fi proġetti bħal dawn. Kif jispiċċa l-ikel kulħadd idabbar rasu u l ġuħ jerġgħa jżid bil mod il mod. Imma wieħed m'għandux jaqtgħa qalbu għax f'kull problema għandha moħbija fiha t-tweġiba tagħha. Tieħu ż-żmien biex issibha, imma bis-sabar kollox joħroġ għad-dawl tax-xemx.

Meta wieħed iqis il-familja jinduna li l-omm hija l-qofol ta' kollox. Ħajjet żewġha u wliedha qegħdin f'idejha. Dan ifisser li jekk tgħin lill-omm tkun qiegħed tgħin lill-familja kollha.

Msieħba ma' dan il-ħsieb fittixna li dawk l-ommijiet li b'xi mod jew ieħor ibigħu xi ħaġa. Għaqqadnihom flimkien u bdejna ħidma għal self ta' flus, li wara l-qligħ mill-bejgħ, il-flus mislufa jerġgħu jintraddu lura fil-ħażna biex jgħinu lill-bejjiegħa oħra. Huwa xogħol li trid l-għaqal biex ma tidħolx f'xi nasba li titfgħek f'tama bla ma tara l-flus li tkun slift.

## TAGĦLIM U IKEL

Il-familja dejjem baqgħet tissaħħa bit-twelid ta' tfal li malli jitfarfru jaqbdu triqthom 'il barra biex isibu xi għajnuna għall-ikel. Dawn iż-żgħażagħ baqgħu jitlajjaw ma' toroq bla ma jsibu xogħol siwi għalihom minħabba li qatt ma taw kas l-iskola.

Din il-problema tat-tagħlim ma tinqeridx qabel ma taħtaf f'idejk lit-tfal iż-żgħar li jibqgħu ma' djul ommhom jew ma' ta' nannithom. Imma mhux għalkemm toħroġ it-tfal minn djarhom. Hemm bżonn li l-ġenituri jifhmu s-siewi li wieħed jitgħallem u li t-tagħlim fit-tfal hija ħażna li ssibha fil-ġejjieni.

Il-ħsieb qaddis għat-tagħlim taż-żgħar, ħafna drabi jiġi mfixkel minn nuqqas ta' flus għax il-ħila tal-omm fi qligħ il-flus trid issod mitt elf toqba oħra. B'għaqal siwi, sar ftehim mal-ommijiet li jħallsu dak li jistgħu għat-tgħalim ta' wliedhom u l-iskola tieħu ħsieb titma' lit-tfal.

Il-ħsieb irnexxa u t-tfal bdew gejjin bħan-nemel. Illum wasal iż-żmien li nibnu iżjed klassijiet għal min irid jingħaqad ma' dawn it-tfal.

Għallem lil min ma jafx u itimgħu sa ma jittrawwem u jkun jista'jsib xogħol li jgħin lill-familja. •



# OMM TMUT GĦAL BINTHA

Kulħadd jaf kemm l-omm hija lesta li tagħmel sagrifiċċji għal uliedha, iżda hawn għandna każ ta' mħabba erojka ta' omm li tirrifjuta li tagħmel abort tar-raba' wild tagħha minkejja li kienet taf li t-tqala tagħha setgħet twassalha għall-mewt.

Gianna Beretta Molla twieldet Magenta fl-Italja fl-4 t'Ottubru 1922. Kienet l-għaxar wild minn tlettax li erbgħa minnhom mietu żgħar. Meta kellha tliet snin, il-familja marret toqgħod Bergamo. Bħala tfajla hija dejjem uriet mħabba kbira lejn il-Knisja b'riżultat tal-edukazzjoni nisranija li għallmuha l-ġenituri tagħha. Kienet temmen ħafna fil-providenza ta' Alla u dejjem ħasset il-bżonn tat-talb.

Wara li spiċċat l-iskola sekondarja, Gianna bdiet tistudja l-mediċina fl-Università ta' Padua filwaqt li baqgħet attiva maż-żgħażagħ tal-Azzjoni Kattolika fix-xogħol tagħhom mal-anzjani u l-fqar. Fl-1949 hija rċeviet id-diploma fil-mediċina u l-kirurġija u fetħet klinika f'Mesero. Hija speċjalizzat fil-pedjatrija fl-Università ta' Milan u bdiet tagħti attenzjoni speċjali lill-ommijiet, lit-trabi, lill-anzjani u l-fqar.

Kienet issib ħin biex tqattgħu man-natura billi tmur fil-muntanji u anki tiskija ma' sħabha tal-Azzjoni Kattolika. Gianna xtaqet ħafna tmur taħdem fil-Missjoni ma' ħuha Padre Alberto li kien l-uniku qassis tabib fin-naħat fqar ta' Grajau fil-Brażil, fejn kienet lesta toffri l-esperjenza medika li kellha fil-ġinekoloġija qalb in-nisa fqar. Iżda saħħitha ma ħallithiex taqta' xewqitha u għalhekk kompliet taħdem fl-Italja. Ta' 32 sena hija ltaqgħet ma' Pietro Molla, inġinier li kien jaħdem fl-uffiċċju tagħha, li kien għaxar snin ikbar minnha, u sena wara żżewġu. Hija riedet tixtri drapp fin għal-libsa tat-tieġ għax xtaqet li dan l-istess drapp 'il quddiem jintuża bħala pjaneta jekk qatt ikollhom tifel li jsir qassis.

Mill-bidu xtaqu li jkollhom familja kbira u fl-1956 huma kellhom lil Pierluigi, sena wara lil Mariolina u sentejn wara lil Laura. Wara dan, Gianna kellha żewġ korrimenti. B'sempliċità kbira hija rnexxielha żżomm bilanċ bħal mara miżżewġa, omm, tabiba u l-imħabba kbira li kellha għall-ħajja. Fl-1961 reġgħet kienet tqila, iżda fit-tieni xahar żviluppatilha fibroma fil-ġuf. Bħala xjenzjata u tabiba hija kienet taf bir-riskju li dan it-tumur seta' jkollu fuq ħajjitha jekk ma tagħmilx l-operazzjoni, iżda kienet deċiża li twassal lit-tarbija sal-aħħar u għalhekk kienet lesta li tieħu deċiżjoni iebsa.

Wara t-testijiet, it-tobba offrewlha tliet għażliet:

- li tagħmel abort,
- li jitneħħielha l-ġuf (isterektomija) jew
- li jitneħħa biss it-tumur.

Gianna ma aċċettatx li tabortja u għalkemm it-tagħlim tal-Knisja mhuwiex kontra l-isterektomija, hija għażlet li titneħielha l-fibroma għax riedet akkost ta' kollox issalva lit-tarbija.

Wara l-operazzjoni, il-kumplikazzjonijiet komplew jiżdiedu tul it-tqala kollha. Qattgħet is-seba' xhur ta' wara b'dedikazzjoni kbira lejn il-familja, anki jekk kienet tinkwieta u titlob ħafna għat-tarbija. Gianna kienet deċiża dwar dak li xtaqet u lil żewġha u lill-familja tagħha qaltilhom: **"Din id-darba se jkollna twelid diffiċli u t-tobba forsi jkollhom jiddeċiedu jekk isalvawx lili jew lit-tarbija. Jien irridhom, u ninsisti, li jsalvaw lit-tarbija."**

"Gianna ma aċċettatx li tabortja u għalkemm it-tagħlim tal-Knisja mhuwiex kontra l-isterektomija, hija għażlet li titneħielha l-fibroma għax riedet akkost ta' kollox issalva lit-tarbija."



Fil- 21 t'April 1962, jum il-Ġimgħa Mqaddsa, Gianna marret l-isptar fejn welldet ir-raba' tarbija tagħha, Gianna Emanuela ta' 10 libbri, permezz ta' ċesarja. Madankollu, l-omm kompla jkollha wġigħ kbir u minkejja l-isforzi u l-kura li rċeviet, hija mietet ta' 39 sena minn infezzjoni tal-peritonite sebat ijiem wara fost uġigħ li ma jitfissirx għax irrifjutat li tingħata mediċini biex itaffu l-uġigħ. L-aħħar kliem ripetut tagħha kien: **"Ġesù, inħobbok, Ġesù, inħobbok."**

Il-Papa Pawlu VI semma s-sagrifiċċju erojku ta' Gianna fl-Anġelus tal-Ħadd 23 ta' Settembru 1973, filwaqt li l-Papa Ġwann Pawlu II iddikjarha fost il-Beati fl-24 ta' April 1994 u fost il-Qaddisin fis-16 ta' Mejju 2004, fis-sena Internazzjonali tal-Familja.

Il-miraklu li wassal biex Gianna tkun dikjarata qaddisa kien dak ta' Elizabeth Comparini li kellha tqala ta' sittax-il ġimgħa fl-2003 meta tiċrita fil-plaċenta battlitilha l-ġuf mill-fluwidu amnijotiku. It-tobba qalulha li ma kien baqalha l-ebda ċans li ssalva lit-tarbija. Hija talbet l-interċessjoni ta' Gianna Molla u minkejja dan in-nuqqas ta' fluwidu tul it-tqala kollha, Comparini welldet tarbija b'saħħitha. Fil-quddiesa tal-kanonizzazzjoni fil-preżenza ta' Pietro Molla u bintu ż-żgħira, li llum hija wkoll hija tabiba, il-Papa Ġwann Pawlu II sejjaħ lil Gianna "messaġġiera sempliċi, iżda fuq kollox sinjifikanti, tal-imħabba ta' Alla."

Din il-ġrajja turi li l-qaddisin għadhom jimxu magħna anki f'din id-dinja moderna u pagana! Santa Gianna spiss iduru lejha dawk li jsibuha diffiċli li jkollhom it-tfal, dawk li jkollhom problemi fil-ħlas u ġenituri b'ulied morda. Qed isiru ħafna mirakli bl-interċessjoni tagħha. •



# IL-KOMUNJONI TAL-PERSUNI U L-ĦERA ORIĠINALI (3)

Fil-mixja tagħna fit-teoloġija tal-Ġisem kif ippreżentata lilna mill-Papa Ġwanni Pawlu II, illum se nidħaddtu fuq żewġ fatturi importanti li joħorġu f'din it-teoloġija, jiġifieri: l-Komunità tal-Persuni u l-Għera Oriġinali.

Permezz 'tal-unità oriġinali', aspett wieħed tas-solitudni tar-raġel huwa superat u l-ieħor ikkonfermat. Mal-ħolqien tal-mara, ir-raġel mhuwiex iżjed 'waħdu'. Imma t-tnejn flimkien, bħala persuni umani, baqgħu 'waħedhom' fid-dinja tal-ħlejjaq. L-unità oriġinali tidher f'Ġenesi 2:23-24. Meta l-mara ġiet miġjuba lir-raġel huwa ħabbar: **"'Din id-darba din hi għadma minn għadmi, u laħam minn laħmi, għalhekk tissejjaħ mara, għax mir-raġel ittieħdet hi' Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed'".** Permezz tal-għaqda spiritwali u fiżika tagħhom, ir-raġel u l-mara jiffurmaw komunjoni ta' persuni.

Fil-katekeżi ta' nhar it-2 ta' Jannar 1980, il-Papa Ġwanni Pawlu II għallem li l-maskilità u l-feminilità huma żewġ modi li tkun pesuna umana. **"Il-bniedem, li Alla ħalqu bħala raġel u mara, iġorr ix-xbieha divina tiegħu fuq ġismu 'sa mill-bidu'. Ir-raġel u l-mara jikkonstitwixxu żewġ modi differenti tal-bniedem, 'li jkun ġisem' fl-għaqda ta' dik ix-xbieha".** Għalhekk, kif jgħid il-Papa ġimgħa wara, sewwasew nhar id-9 ta' Jannar, **"il-bniedem, waħdu ma jtemmx kompletament din l-essenza (li jkun persuna). Huwa jseħħlu jġibha fit-tmiem biss meta jeżiżti 'ma xi ħadd' – u iktar b'mod profond u komplet – billi jeżiżti 'għal xi ħadd' ... Il-komunjoni tal-persuni tfisser li teżiżti b'mod reċiproku 'għal', f'relazzjoni ta' don reċiproku".**

Fattur ieħor li joħroġ mill-katekeżijiet fuq il-ġisem huwa l-għera oriġinali. Il-Papa Ġwanni Pawlu II jgħidilna li Ġenesi 2:25 (**"U t-tnejn kienu għarwiena, ir-raġel u martu, ma kinux jistħu minn xulxin"**) huwa 'element bażiku' tar-rivelazzjoni fuq il-bniedem sa mill-bidu!

Għaliex dan? Fil-bidu, il-ġisem għeri wera li s-sejħa ta' Adam u Eva kienet li jħobbu, jiġifieri li jkunu f'għaqda spiritwali u fiżika bejniethom. Din is-sejħa li jiffurmaw komunjoni ta' persuni kellha l-għan li tingħex permezz ta' ġisimhom. L-abbiltà tal-ġisem li jurina s-sejħa tagħna li nħobbu hija t-tifsira nuzjali (konjugali) tal-ġisem.

Iktar milli kienet ta' importanza żgħira, l-għera tagħhom tgħid pataflun fuq l-imħabba tagħhom għal xulxin u anki dwar is-safa ta' qalbhom. L-għaliex il-mistħija hija riżultat li persuna l-oħra tarak bħala oġġett biex tużak, in-nuqqas ta' mistħija ta' Adam u Eva turina li huma raw u rċevew lil xulxin bħala rigal u fittxew biss li jagħtu lilhom infushom lil xulxin, u mhux biex jużaw wieħed lill-oħra jew viċiversa. Huma raw lil xulxin bl-għajnejn ta' Alla, li **"ħares ... lejn kull ma għamel, u, ara, kollox kien tajjeb ħafna"** (Ġen 1.31). Huma qraw fl-iġsma ta' xulxin, li kien is-sinjal tal-persuna l-oħra, il-lingwa tal-imħabba, li kull wieħed u waħda minnhom laqa' u rreċiproka għaliha.

Nhar it-2 ta' Jannar tal-1980, Papa Wojtola kompla jinżel iżjed fil-fond ta' din ir-realtà sabiħa u safja fil-bniedem tal-bidu. **"'U t-tnejn kienu għarwiena, ir-raġel u martu, ma kinux jistħu minn xulxin' (Ġen 2:25). L-għera tfisser it-tajjeb oriġinali tal-viżjoni ta' Alla. Ir-raġel u l-mara ... jaraw u jagħrfu lil xulxin bil-paċi tal-ħarsa interjuri, li toħloq preċiżament il-milja tal-intimità tal-persuni. It-tifsira oriġinali tal-għera tikkorrespondi ma' dik is-sempliċità u l-milja tal-viżjoni li fiha l-għarfien tat-tifsira tal-ġisem iseħħ fil-qalba tal-komunità-komunjoni tagħhom. Aħna se nsejħulha (it-tifsira tal-ġisem) nuzjali".** U fil-katekeżi tal-14 ta' Mejju tal-1980, il-Papa jgħallem: **"Hu (il-bniedem) ħa sehem fil-viżjoni divina tad-dinja u fil-viżjoni tiegħu tal-umanità. Din tagħtu paċi u hena profondi fl-għejxien tal-verità u l-valur ta' ġismu, fis-sempliċità tiegħu".**

Iż-żewġ modi li tkun bniedem, maħluq fuq ix-xbieha ta' Alla, huma li tkun raġel u mara. Il-komunjoni tal-persuni hija magħmula mir-raġel u mill-mara li jingħaqdu flimkien b'mod spiritwali u anki fiżiku. Fir-relazzjoni ta' bejniethom ir-raġel u l-mara huma don reċiproku għal xulxin, kif imfissra fl-imħabba taż-żwieġ, għax għalhekk ġew maħluqa mill-Ħallieq. Fl-għera oriġinali ta' ġisimhom, ir-raġel u l-mara jaraw it-tjubija, il-paċi u s-sempliċità ta' Alla. Għax ġisimhom huwa xbieha ta' Alla, ir-raġel u l-mara jaraw fl-iġsma għerja ta' xulxin ir-ritratt ta' Alla nnifsu. •



# ROKNA GHAT-TFAL

## Aħseb u Wieġeb

1. Huwa Qorban jiġiefieri: turbant; qarib; offerta. (Mk 7,11)
2. Issibu tarbija mimduda: fuq sodda; f'maxtura; fuq sufan. (Lq 2,12)
3. Minn jemmen fl-Iben: ikollu l-ħajja; jintilef; għal xejn. (Ġw 6,40)
4. Kulħadd kien: imaqdarhom; ifaħħarhom; iwarrabhom. (Atti 5,13)
5. Kienu libsin ilbiesi: bojod; ħomor; ħodor. (Apk 7,9)
6. Attenti mill-:bnedmin; ħallelin; klieb. (Mt 10,17)
7. L-ewwel ħa jixbgħu: il-fqar; ix-xjuħ; l-ulied. (Mk 7,27)
8. Glorja lil Alla qalu: ir-ragħajja; it-tfal; l-anġli. (Lq 2,13-14)
9. Jien hu: il-ħobż tal-ħajja; l-imgħallem; l-mexxej. (Ġw 6,48)
10. Id-dell ta' Pietru: kien ifejjaq; ma fejjaq lil ħadd. (Atti 5,15)

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GHAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-rebbieħa ta' Frar 2011 huwa Matthias Luke Tonna - Msida**

# TISLIBA - 105



1. Iżjed milli kielu. (Eż 24,11) **(5)**
2. Hekk għamlu dejjem. (1 Tess 5,16) **(6)**
3. Mur ħdejhom u ixrob. (Rt 2,9) **(5)**
4. X'għamilt lejn Tarsis. (Ġona 4,1) **(5)**
5. Intom dan maħtur. (1 Pt 2,9) **(4)**
6. Sew jekk hekk sew ħieles. (Efes 6,8) **(5)**
7. ... sagrifiċċji kbar. (Neħ 12,43) **(5)**
8. Bih se jkun tweġibi. (Ġob 23,2) **(5)**
9. Minn qiegħ dan. (Lam 3,55) **(3)**
10. Ħarstek tinfidhom. (Dan 3,54-55) **(7)**
11. u 12. Dan tnikket. (Mt 14,9) **(6)**
13. Kull wieħed jiċċaħħad. (1 Kor 9,25) **(6)**
14. Talli ma għaraftx żmienha. (Lq 19,44) **(5)**
15. Imħallef minn Betlehem. (Imħ 12,8) **(5)**
16. Għall-irdoss ta' dal-pajjiż. (Atti 27,4) **(5)**
17. Imma *ħu sehem* miegħi. (2 Tim 1,8) **(5)**
18. Kull ma ... diġà magħruf. (Koħ 6,10) **(7)**
19. Dawn tal-inbid. (Ġoż 9,13) **(4)**
20. Jxenxel bħal din is-siġra. (Hos 14,7) **(3)**
21. Fuq l-ibliet u dawn. (2 Mak 8,6) **(5)**
22. Fejnu waqfu minn Ħeserot. (Num 33,18) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' FRAR 2011:**
***1. Ħarba; 2. Ġerrej; 3. Bosor; 4. Tiddu; 5. Bena; 6. Inbid; 7. Efesu; 8. Idejn; 9. Bir; 10. Ordnali; 11. u 12. Vjaġġi; 13. Ġordan; 14. Ilħeff; 15. Anqas; 16. Allat; 17. Isbaħ; 18. Ħananel; 19. Nida; 20. Ras; 21. Fidda; 22. Arana.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-rebbieħ ta' Frar 2011 Joe Camilleri – G'Mangia**



# ŻEWĠI KELLU PROBLEMA TAX-XORB

Sibt ruħi ftit fil-kwiet bilqegħda fuq pultruna niċċassa lejn ritratt ta' żewġi li llum m'għadux magħna u l-ħsibijiet tiegħi taru fuq il-bosta festi tal-Milied tal-passat li żewġi tant kien iħobb. Sa minn xhur qabel jixtri u jipprepara materjal biex jfassal il-presepju li kull sena jtih għamla differenti minn ta' snin ta' qabel. Tiżjin ikel u xorb ma kienux jonqsu.

Jien omm ta' żewġ ulied. Miniex xi mara tal-kitbiet ta' stejjer jew rakkonti, imma xtaqt naqsam din l-esperjenza magħkom bil-ħsieb li nkun ta' għajnuna lil xi persuna fil-familja jew ħbieb tagħha li tħokk mal-problema tal-alkoħol.

Żewġi kellu problema tax-xorb li ħolqot ħafna tbatija. Kien raġel mistħi ħafna, maħbub u ma kienx persuna ta' ħafna ħbieb jew midħla ta xi każini pjutost ir-rutina tax-xorb tiegħu kienet id dar.

Bdejt ninduna mill-bidu li fiż-żwieg tagħna kien hemm xi ħaġa sejra ħażin u qed tfixkel l-armonija tagħna. Jibda jixrob ftit wara li jiġi mix xogħol sakemm jibda jsir bniedem differenti. Bdejt nimtela b'ħafna biża' naqla' ħafna nkwiet, nakkużah b'ħafna ħtija u s-sitwazzjoni tkompli tigrava. Kien tilef il kontroll sew fuq ix-xorb. Beda jgħaraf li dan il-mod tax-xorb kien ilu dieħel fin fin sa minn żogħżitu. Mal-ewwel ftit drinks iħossu konfidenti mbagħad jinbidel, isir depress, imdejjaq u sensittiv u l-familja u ta' madwaru jittieħdu, jinbidlu bħalu, bħal wieħed li jxerred virus. Iżda meta wieħed iħobb bil-verità jasal biex jagħmel minn kollox għal maħbubin tiegħu. Ngħiduha kifinhi, attitudni ta' persuna qed tixrob ma tantx tinkoraġġik biex tħobbha, aħseb u ara tagħmel xi ħaġa għaliha, aktar u aktar meta ma t'ammetix li għandha problema u taqtagħlek qalbek tagħmel xi ħaġa għaliha. Però dan m'għandux ifixkel lil tal-familja u jibqgħu lura li ma jfittxux l-għajnuna huma stess. Kull min qiegħed fiha jaf biżżejjed kemm tinħolq biża', inċertezza u nsigurtà fuq it-tfal żgħar u anki kbar

Meta ħarist lejn din is-sitwazzjoni daqshekk gravi fid-dawl t'Alla, ġewni l-kuraġġ u s-saħħa biex niffaċċa l-maltempati ħorox anki meta dawn dehru impossibbli. Kont sirt naf li hawn żewġ Għaqdiet differenti li jistgħu jgħinu lili u lil żewġi. Meta darba kkuntatjthom u laqagħuni ħafna, bdejt immur il-laqgħat, l-ewwel jien u wara ftit beda jiġi żewġi wkoll. Tagħllimt li l-alkoħol hija marda. Għandha saħħa qerrieda li tbiegħdek mill-għeżież tiegħek u fiha ħafna rovina, iżda m'hemm l'ebda garanzija li kull ma nagħmlu f'ħajjitna anki t-tajjeb irid bilfors jagħtina riżultat kif nixtiequ tassew. Kull ma nista' ngħid hu li, minkejja d-diffikultajiet li għaddejna minnhom, permezz tal-fidi f'Alla, li dejjem tatni direzzjoni, b'qajna familja magħquda għaliex iltqajna ma' ħafna mħabba. Żewġi issa ilu mejjet għal xi snin u għadu f'qalbna u ħadd minna m'għandu rimors ta' dak kollu li għamilna. Il-familja għaddiet minn trawma, imma bqajna b'saħħitna u ma qtajniex qalbna mill-battalja. Waqt li l-persuna li qed tixrob tagħti dehra li ħadd ma jista' għaliha għax tidher li għandha ħafna qawwa; fil-verità hija persuna dgħajfa li qed tokrob u tingħi lil ta' madwarha biex jfittxu l-għajnuna.

Nippruvaw li dawn in-nies morda bl-alkoħol ma ntuħomx kundanna u neskluduhom minn ħajjitna għax ma nibqgħu naraw xejn sabiħ fihom, imma nagħlaq billi nissuġġerixxi li jekk inti għandek lil xi ħadd li tħobb u trid l-għajnuna bla ebda ħlas ċempel: **AA 2123 9264 jew AL-ANON 2137 0888**, jagħtuk informazzjoni u ninsab ċerta li jtuk l-għajnuna li sibt jien u bosta oħrajn bħali. Żomm quddiem għajnejk li l-problema tal-alkoħol hija progressiva u tqila wisq biex iġorrha waħdek. Toqgħodx tistenna lil xi ħaddieħor jagħmel xi ħaġa, imma agħmel xi ħaġa int.

Jalla l-Mulej itik is-saħħa u l-kuraġġ biex timxi 'l quddiem. •



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall ispejjeż tas seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**